Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Novembru 1999

rigward id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi, il-lista ta' prodotti agrikoli, l-eċċezzjonijiet għad-definizzjonijiet u r-reġjuni u d-distretti rigward l-istħarriġ ta' l-istruttura ta' l-azjendi agrikoli

(notifikata taħt dokument numru C(1999) 3875)

(2000/115/KE)

(ĠU L 38, 12.2.2000, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1444/2002 ta' l-24 ta' Lulju 2002	L 216	1	12.8.2002
►**M2**	Commission Regulation (EC) No 2139/2004 of 8 December 2004 (*)	L 369	26	16.12.2004
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 204/2006 tas-6 ta' Frar 2006	L 330M	107	28.11.2006
►**M4**	Commission Regulation (EC) No 1792/2006 of 23 October 2006 (*)	L 362	1	20.12.2006

Emendata minn:

►**A1**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	17	23.9.2003

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Novembru 1999

rigward id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi, il-lista ta' prodotti agrikoli, l-eċċezzjonijiet għad-definizzjonijiet u r-reġjuni u d-distretti rigward l-istħarriġ ta' l-istruttura ta' l-azjendi agrikoli

(notifikata taħt dokument numru C(1999) 3875)

(2000/115/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li studjat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li studjat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 tad-29 ta' Frar 1988 dwar l-organizzazzjoni ta' l-istħarriġ tal-Komunità dwar l-istruttura tal-kumpanniji agrikoli ([1]), kif l-aħħar emendat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/377/KE ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 571/88, kull tibdil fil-lista ta' karatteristiċi ta' l-istħarriġ, kif ukoll fid-definizzjonijiet tal-karatteristiċi ta' l-istħarriġ u tad-delimitazzjoni tar-reġjuni, distretti ta' stħarriġ u unitajiet oħra territorjali, għandom jitqiegħdu taħt il-proċedura mogħtija fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament, jiġifieri mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni wara l-Opinjoni mogħtija mill-Kumitat Permanenti ta' l-Istatistika Agrikola;

(2) (2)Ir-riżultati ta' l-istħarriġ tal-Komunità dwar l-istruttura tal-kumpanniji agrikoli msemmija fir-Regolament (KEE) Nru 571/88 jistgħu jkunu jaqblu biss fil-Komunità Ewropea kollha jekk it-termini li jinsabu fil-lista ta' karatteristiċi jifthemu u jkunu applikati b'mod uniformi;

(3) Il-lista ta' karatteristiċi ta' l-istħarriġ ġiet emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 98/377/KE għall-istħarriġ bażiku 1999/2000 dwar l-istruttura ta' l-ażjendi agrikoli u peress li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 89/651/KEE ([3]), kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni97/418/KE ([4]), tistabbilixxi d-definizzjonijiet, il-lista ta' prodotti agrikoli, l-eċċezzjonijiet għad-definizzjonijiet applikati f'ċerti Stati Membri u r-reġjonijiet d-distretti ta' stħarriġ li għandhom jiġu applikati fil-kwadru ta' l-istħarriġ strutturali ta' l-1988 sa' l-1997; peress li bħala konsegwenza d-Deċiżjoni 89/651/KEE għandha tkun adottata u suplimentata;

(4) Varjanti ġodda żdiedu mal-lista ta' karatteristiċi; peress illi l-iżvilupp ta' l-agrikoltura ħoloq il-bżonn li jiġu riveduti d-definizzjonijiet ta' varjanti qodma; peress li l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni għalhekk fih il-lista l-ġdida tad-definizzjonijiet għall-istħarriġ strutturali tal-Komunità wara l-1997;

(5) Il-lista ta' prodotti agrikoli msemmija fid-definizzjoni ta'ażjendi agrikoli u l-lista ta' eċċezzjonijiet għad-definizzjonijiet Komunitarji minħabba ċirkostanzi partikolari f'ċerti Stati Membri teħtieġ ukoll previżjoni; peress li dawn il-listi riveduti ta' prodotti agrikoli u ta' eċċezzjonijiet aċċettati ta' lista ta' definizzjonijiet jinsabu fl-Anness II u III għal din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni;

([1]) ĠU L 56, tat-2.3.1988, p. 1.
([2]) ĠU L 168, tat-13.6.1998, p. 29.
([3]) ĠU L 391, tat-30.12.1989, p. 1.
([4]) ĠU L 177, tal-5.7.1997, p. 26.

▼B

(6) Hemm il-ħtieġa illi l-korrelazzjoni bejn in-nomenklatura ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) u r-reġjuni u distretti wżati għall-iskop ta' l-stħarriġ strutturali agrikolu, tiġi magħmula aktar ċara; peress illi huwa utli li dawn ir-reġjuni u distretti jiġu definiti f'Anness IV separat ta' din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni;

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istatistika Agrikola,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-definizzjonijiet komunitarji li għandhom jintużaw għall-istħarriġ Komunitarju wara l-1997 dwar l-istruttura ta' l-azjendi agrikoli kif previst fir-Regolament (KEE) Nru 571/88 huma mogħtija fl-Anness I, flimkien ma' l-ispjegazzjonijiet u l-eżempji rilevanti.

Artikolu 2

Il-lista ta' prodotti agrikoli msemmija fid-definizzjoni ta' kumpanniji agrikoli hekk kif jidher fl-Anness I hija mogħtija fl-Anness II.

Artikolu 3

Minħabba xi ċirkostanzi partikolari ta' ċerti Stati Membri, eċċezzjonijiet għad-definizzjonijiet Komunitarji għandhom ikunu aċċettati hekk kif muri fl-Anness III.

Artikolu 4

Il-lista tar-reġjuni u distretti għall-iskopijiet ta' l-istħarriġ komunitarju agrikolu tal-Komunità msemmi fid-definizzjoni tad-distrett ta' l-istħarriġ kif jidher fl-Anness I hija mogħtija fl-Anness IV.

Artikolu 5

Id-Deċiżjoni 89/651/KEE hi revokata.

Artikolu 6

L-Istati Membri huma destinatarji ta' din id-Deċiżjoni

▼M1

ANNESS I

DEFINIZZJONIJIET U SPJEĠAZZJONIJIET LI JGĦODDU GĦAL-LISTA TA' KARATTERISTIĊI LI JINTUŻAW GĦAL STĦARRIĠ KOMUNITARJU DWAR L-ISTRUTTURA TA' IMPRIŻI AGRIKOLI

(I = definizzjonijiet, II = noti ta' spjegazzjoni)

▼M3

PROPRJETÀ AGRIKOLA

I. Unità waħda kemm teknikament u ekonomikament, li għandha tmexxija waħda u li tipproduċi prodotti agrikoli jew iżżomm l-art tagħha li mhix użata iktar għal skopijiet ta' produzzjoni f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1782/2003 ([1]). Il-proprjetà tista' tipprovdi wkoll prodotti u servizzi oħra supplementari (li mhux agrikoli).

▼M1

II. 1. Impriża agrikola hija b'hekk definita b' dawn il-kriterji:

1.1. *produzzjoni ta' prodotti agrikoli*

"prodotti agrikoli" jfissru dawk il-prodotti elenkati fl-Anness II;

1.2. *ġestjoni waħda*

jista' jkun hemm biss ġestjoni waħda ukoll jekk din issir minn żewġ persuni jew aktar li jaġixxu konġuntement;

1.3. *Unità waħda teknikament u ekonomikament*

ġeneralment dan jiġi indikat b'użu komuni ta' ħidma u mezzi ta' produzzjoni (makkinarju, bini jew art, eċċ.).

▼M3

1.4. Mar-riforma tas-CAP 2003, "Li tinżamm l-art f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba" kienet introdotta bħala attività agrikola (Artikolu 2 tar-Regolament (KE) 1782/2003). Minbarra din l-attività, il-bdiewa m'għandux ikollhom attività agrikola oħra sabiex ikollhom aċċess għall-iskema ta' ħlas waħdieni.

▼M1

2. Każijiet speċjali

2.1. (a) Meta impriża hija għal raġunijiet ta' taxxa jew oħrajn, maqsuma f' żewġ persunaġġi jew aktar, iżda xorta għandhom ġestjoni waħda (ġestitur wieħed komuni) u għal-hekk tista' titqies li hija unità ekonomika waħda, titqies bħala entità waħda;

(b) meta żewġ impriżi jew aktar separati, li qabel kienu kollha impriżi indipendenti, ġew integrati f' idejn proprjetarju wieħed, jitqiesu bħala entità waħda jekk issa għandhom ġestitur komuni jew jekk b' mod ieħor jużaw l-istess ħidma u tagħmir.

2.2. Jekk biċċa art tkun inżammet mill-proprjetarju antekedenti huwa u jittrasferixxi l-impriża lis-suċċessur tiegħu (eredi, kerrej, eċċ.), hija:

(a) inkluża mal-impriża tas-suċċessur jekk l-art miżmuma tinħadem flimkien mal-bqija tal-impriża u jekk ġeneralment l-istess

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

▼M1

ħaddiema u mezzi ta' produzzjoni jintużaw bħall-bqija ta' l-impriża;

(b) attribwita lill-impriża tal-proprjetaru antecedenti jekk tinħadem normalment bil-ħaddiema u mezzi tal-produzzjoni ta' dik l-impriża.

2.3. Dawn li ġejjin jingħaddu bħala impriżi agrikulturali jekk jilħqu l-kriterji l-oħrajn li jiddefinixxu impriża agrikulturali definiti hawn fuq:

(a) stazzjonijiet għat-trobbija ta' barrin, ħnieżer slavaġ, mtaten u bdabad, *studs* u postijiet tat-tfaqqis;

(b) l-impriżi agrikulturali ta' istituti tar-riċerka, *sanatoria* u djar konvalexxenti, komunitajiet reliġjużi, skejjel u ħabsijiet;

(ċ) impriżi agrikulturali li jiffurmaw parti minn intrapriżi industrijali;

(d) art komuni li tikkonsisti f'mergħat, art ortikulturali jew oħra, jekk l-art tinħadem bħala impriża agrikulturali mill-awtorità lokali kkonċernata (e.g. bit-teħid ta' baqar ta' persuni oħrajn biex jirgħu b'rata speċifika). Dawn li ġejjin ma jitqisux hawn:

— art komuni mogħtija (C/3);

— art komuni li nkriet (C/2).

2.4. Dawn li ġejjin ma jingħaddux bħala impriżi agrikulturali, sakemm ma għandhomx attivitajiet oħrajn li jikkwalifikawhom biex jiġu inklużi:

(a) stalel għall-irkib jew tlielaq taż-żwiemel, galoppi (i.e. art użata għall-eżerċizzju ta' l-annimali) jekk m'għandhomx attivitajiet ta' trobbija;

(b) mraqad tal-klieb;

(ċ) swieq, biċċeriji, eċċ. (mingħajr trobbija).

2.5. Impriżi separati jistgħu jqiegħdu flimkien riżorsi għal attività waħda partikolari tar-razzett biex jiffurmaw intrapriża distinta konġunta li hija operata separatament mill-impriżi ta' warajha (l-impriżi ewlenin). Dawn l-impriżi jistgħu jkunu, per eżempju, msaġar komuni, lottijiet ta' baqar komuni, bini għal prodotti tal-ħalib komuni. Huwa każ ta' għaqda parzjali u dawn l-impriżi konġunti huma hawnhekk imsemmija bħala "impriżi grupp ta' prodott wieħed". Dawn "l-impriżi grupp ta' prodott wieħed" huma ttrattati bħala impriżi agrikulturali indipendenti mill-impriżi "ġestjonarji" jekk jużaw l-biċċa l-kbira l-fatturi tal-produzzjoni proprji u ma jiddependux maġġorment fuq il-fatturi tal-produzzjoni tal-impriżi "ġestjonarji".

A. **SITWAZZJONI ĠEOGRAFIKA TA' L-IMPRIŻA**

II. L-impriża u l-informazzjoni kollha dwarha hija reġistrata bħala li hija f'dak id-distrett u l-muniċipalità jew distrett tas-sub-stħarriġ fejn jinsabu il-kwartieri ġenerali tal-impriża (A/1).

Il- kwartieri ġenerali tal-impriża huma definiti skond ir-regoli dokumentati ta' l-Istati Membri proprji.

F'każ fejn l-impriża hija biss parzjalment lokata f'tip partikolari ta' żona (per eżempju, żona inqas favorita), tiġi kklassifikata bħala li hija f'din iż-żona jekk jew il-parti l-kbira ta' l-art li tappartjeni għall-impriża jew il-

▼M1

	kwartieri ġenerali ta' l-impriża hija f'din iż-żona. Waħda minn daw ir-regoli għandha tingħażel u tiġi applikata għall-impriżi kollha u għal kull oġġett minn A/1 sa A/3.
A/1	**Disrett ta' stħarriġ**
I.	Is-sitwazzjoni ġeografika ta' kull impriża hija deskritta b' kodiċi li jindika l-pajjiż, ir-reġjun u d-distrett ta' l-istħarriġ.
II.	►M2 ——————— ◄
A/1(a)	*Muniċipalità jew distrett tas-sub-stħarriġ*
I.	Is-sitwazzjoni ġeografika hija deskritta b' kodiċi, li jindika l-muniċipalità jew id- distretti tas-sub-stħarriġ, li tippermetti aggregazzjoni tar-riżultati b' tipi differenti ta' żoni fuq livell reġjonali.
II.	Il-kodiċijiet dwar il-muniċipalità jew id- distretti tas-sub-stħarriġ użati jikkonformaw mal-livelli 4 jew 5 tasn-nomeklatura ta' unitajiet territorjali statistiċi (NUTS). ►M2 ——————— ◄
A/2	**Żona inqas favorita**
I.	Żoni maħsuba, fid-data ta' l-istħarriġ, bħala inqas favoriti skond it-tifsira ta' l-Artikoli 18, 19 u 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 12571999 ([1]), (u, fejn tgħodd, l-aktar leġislazzjoni riċenti), li jidhru fil-lista Komunitarja ta' żoni agrikoli inqas favoriti kif ġie kkomunikat mill-Istati Membri b'applikazzjoni ta' l-istess Regolament.
II.	Iż-żoni inqas favoriti jinkludu żoni fil-muntanji (A/2(a)), żoni affettwati minn andikappi speċifiċi, u żoni oħrajn inqas favoriti.
A/2 (a)	*Żona fil-muntanji*
I.	Żoni maħsuba, fid-data ta' l-istħarriġ, bħala żoni fil-muntanji skond tifsira ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 (u, fejn applikabbli, l-aktar leġiżlazzjoni riċenti u li jidhru fil-lista Komunitarja ta' żoni agrikoli inqas favoriti kif ġie kkomunikat mill-Istati Membri b'applikazzjoni ta' l-istess Regolament.
A/3	**Żoni agrikoli b' restrizzjonijiet ambjentali**
I.	Żoni maħsuba, fid-data ta' l-istħarriġ, bħala żoni agrikulturali b'restrizzjonijiet ambjentali skond it- tifsira ta' l- Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 12571999 (u, fejn applikabbli, l-aktar leġislazzjoni riċenti).
II.	Il-bdiewa jistgħu jirċievu ħlas għal spejjeż u dħul mitluf minħabba r-restrizzjonijiet ambjentali fuq iż-żoni agrikoli tagħhom. Dawk ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu r-riżultat ta' l-implimentazzjoni tal-limitazzjonijiet fuq l-użu agrikolu bbażat fuq ir-regoli Komunitarji dwar il-ħarsien ta' l-ambjent. Żoni b' restrizzjonijiet li huma bbażati biss fuq regoli nazzjonali u reġjunali huma eskluži. Iż-żoni jistgħu jkunu f'żoni inqas favoriti. Dawn iż-żoni huma l-aktar żoni Natura 2000, i.e. żoni ta' konservazzjoni/ħarsien speċjali li jabitaw tipi u speċje ta' abitat naturali mhedda (ibbażat fuq id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' mkejjen naturali u fawna u flora selvaġġi, (ĠUL 206, tat-22.7.1992, pġ. 7 sa 50).

([1]) ĠU L 160, tas-26.6.1999, pġ. 80.

▼M1

B.	**PERSONALITÀ LEGALI U ĠESTJONI TA' L-IMPRIŻA (fid-data ta' l-istħarriġ)**
B/1 u B/2	**Il-persuna legalment u ekonomikament responsabbli għall-impriża: il-pussessur**
I.	Il-pussessur ta' l-impriża huwa dik il-persuna naturali, grupp ta' persuni naturali jew il-persuna legali li għaliha u f' isimha l-impriża tiġi operata u li hija legalment u ekonomikament responsabbli għall-impriża, i.e., li tieħu r-riskji ekonomiċi ta' l-impriża. Il-pussessur jista' jkun proprjetarju ta' l-impriża jew jikriha jew ikun kerrej fit-tul ereditarju jew użufruttwarju jew depożitarju.
II.	Ir-responsabbiltà legali u ekonomika hija definita skond ir-regoli dokumentati ta' l-Istati Membri stess. Il-pussessur jista' jkun iddelega l-poteri kollha jew parti minnhom ta' deċiżjoni ta' rutini normali ta' kuljum finanzjarji u tal-produzzjoni għat-tmexxija ta' l-impriża lil ġestitur. Fil-każ ta' biedja bis-sehem (ara numru C/3(a)) il-bidwi bis-sehem jidher bħala pussessur u mhux bħala sid il-kera. L-imsieħba biss fuq impriża grupp li jieħdu sehem fix-xogħol tal-biedja (ara L/1 sa L/6) fuq l-impriża jistgħu jitqiesu li huma pussessuri.
B/1 (a) u (b)	*Persuna naturali*
I.	Persuna naturali tista' tkun individwu wieħed (pussessur wieħed) jew grupp ta' individwi (msieħba f'impriża grupp).
II.	Il-kwistjoni jekk il-pussessur huwiex persuna "naturali" jew "legali" hija importanti għall-klassifika ta' l-impriżi f'dawn il-gruppi: Impriżi fejn il-pussessur huwa: (a) persuna naturali u l-uniku pussessur ta' impriża indipendenti; (b) grupp ta' persuni naturali li huwa grupp ta' msieħba f"impriża grupp" (ċ) persuna legali. Il-liġijiet ta' xi Stati Membri jittrattaw għal raġunijiet fiskali u/jew legali persuna "legali" (kumpannija) bħal li kieku kienet persuna "naturali" jew grupp ta' persuni naturali. Dawn huma ġeneralment kwalunkwe forom ta' impriżi fejn membru wieħed jew kollha għandhom responsabbiltà personali sħiħa għad-djun ta' l-intrapriża. F'dawn il-każijiet l-Istati Membri jistgħu jattribwixxu tali persuna "legali" għall-klassijiet "pussessuri uniċi" jew "impriżi grupp". Dawn l-għażliet għandhom isiru bl-użu ta' regoli dokumentati li huma espliċiti u konsistenti.
B/1 (a)	*Persuna naturali li hija pussessur uniku, meta l-impriża hija indipendenti.*
I.	Persuna naturali individwu uniku li huwa l-pussessur ta' impriża li mhix allegata ma ebda impriżi ta' pussessuri oħrajn, kemm b'ġestjoni komuni jew b'arranġamenti simili.
II.	Dan il-pussessur jista' jieħu kwalunkwe deċiżjonijiet dwar l-impriża waħdu. Miżżewġin jew qraba li għandhom, jew jikru impriża flimkien għandhom normalment jitqiesu li għandhom impriża waħda indipendenti ġestita minn pussessur wieħed waħdu.

▼M1

Żewġ persuni li jgħixu flimkien bħal miżżewġin, mingħajr ma huma miżżewġin, jitqiesu wkoll bħala miżżewġin jekk legalment jingħarfu bħala tali fl-Istati Membri rispettivi.

Dawn li ġejjin, fost l-oħrajn, għandhom jitqiesu pussessuri uniċi: aħwa, benefiċjarji konġunti taħt testment jew intestatament, eċċ, jekk ma għamlux ftehim u mhumiex fiskalment u/jew legalment trattati bħala pussessur grupp jew bħala entità legali skond il-liġijiet ta' l-Istat Membru.

Jekk kumpannija (persuna legali) hija l-proprjetà ta' persuna naturali waħda u tiġi ttratata bħala persuna naturali mill-Istat Membru (ara d-definizzjoni ta' persuna naturali), titqies li hija impriża b' pussessur uniku.

Jekk persuna waħda biss għandha r-responsabbiltà kollha legali u ekonomika għall-impriża, huwa/hija j/titqies bħala l-pussessur uniku, ukoll jekk l-impriża b'modijiet oħrajn tilħaq il-kriterji ta' impriża grupp.

B/1 (b) *Persuna naturali waħda jew aktar f' impriża grupp*

I. Msieħba f'impriża grupp huma persuni naturali proprejatrji, kerrejja jew mod ieħor li jġestixxu flimkien impriża waħda agrikulturali jew li jġestixxu flimkien l-impriżi individwali tagħhom daqslikieku kienu impriża waħda. Il-koperazzjoni għandha ssir jew b'mod konformi mal-liġi kew bi ftehim bil-miktub.

II. Jekk kumpannija (persuna legali) hija l-proprjeta' ta'aktar minn persuna naturali waħda u tiġi ttrattata bħala persuna naturali mill-Istati Membru, titqies bħala impriża grupp.

L-Istati Membri li jagħżlu li ma jirreġistraw informazzjoni fuq impriżi gruppi jiġbru l-informazzjoni kollha fuq l-impriżi kollha fejn il-pussessuri huma persuni naturali taħt il-varjabbli B/1(a), huma jew mhumiex "impriżi grupp" kif iddefinit hawn. Jekk fuq impriża waħda persuna naturali waħda jew aktar twettaq il-funzjonijiet tal-pussessur, waħda minnhom biss tidher bħala tali (e.g. dak li għandu l-akbar sehem tar-riskju jew li jieħu l-parti kbira tal-ġestjoni ta' l-impriża. Jekk dawn il-kriterji xorta ma jirnexxilhomx jindividwaw individwu wieħed l-għażla għandha ssir fuq xi kriterju ieħor, bħall-età). L-informazzjoni kollha meħtieġa għall-pussessuri tiġi rreġistrata għal din il-persuna. Din il-persuna titqies ukoll bħala l-ġestitur ta' l-impriża. Il-persuni kollha l-oħrajn li jaħdmu fuq l-impriża jiġu rreġistrati bħala "forza tal-ħidma mhux familjari" L/4, mingħajr qisien tar-relazzjoni familjali mal-pussessuri.

B/1 (c) *Persuna legali*

I. Entita' legali minbarra persuna naturali iżda li għandha d-drittijiet u d-dmirijiet normali ta' individwu, bħal l-abilità li tfittex jew tiġi mfittxa bil-qorti (kapaċità ġenerali legali proprja).

II. Il-persuna legali tista' tkun pubblika jew privata, inter alia:

— stat, reġjunijiet, muniċipalitajiet, eċċ

— il-knejjes u l-istituzzjonijiet tagħhom

— istituzzjonijiet oħrajn simili ta' natura pubblika jew semi-pubblika

— l-intrapriżi kummerċjali kollha ħlief dawk taħt B/1(a) jew (b), speċjalment il-kumpaniji b'responsabbilitajiet limitati, bħall-intrapriżi koperattivi

▼M1

— Korporazzjonijiet ta' l-ishma (intrapriżi li ħarġu l-ishma)

— Fondazzjonijiet (korpijiet li jamministraw fondijiet provduti għal xi għanijiet li huma spiss soċjali jew filantropiċi)

— Korpijiet bla ishma b' responsabbilitajiet limitati

— L-intrapriżi kollha l-oħrajn ta' karattru simili

B/2 **Gestitur ta' l-impriża**

I. Il-persuna naturali responsabbli għar-rutini normali ta' kuljum finanzjarji u tal-produzzjoni għall-ġestjoni ta' l-impriża konċernata.

II. Ġeneralment, iżda mhux dejjem, il-ġestitur huwa l-istess persuna bħall-pussessur li huwa persuna naturali.

F'każijiet fejn il-pussessur mhuwiex ukoll il-ġestitur hu/hi qabbad jew impjega lil ħaddieħor għall-ġestjoni ta' l-impriża. Dan per eżempju jista' jkun membru tal-familja tiegħu./tagħha (B/2(a)) jew żewġu/ha (B/2(b)), iżda jista' jkun ukoll persuna mingħajr irbit familjali mal-pussessur.

Irid jkun hemm ġestitur wieħed biss fuq impriża.

L-informazzjoni kollha fuq impriżi grupp meħtieġa għall-ġestituri hija rreġistrata għas-soċju kkunsidrat bħala l-pussessur.

B/2 (a) *Membri tal-Familja*

I. Ġeneralment, il-membri tal-familja tal-pussessur huma żewġu/ha, qraba fil-linja axxendenti jew dixxendenti (inklużi dawk biż-żwieġ jew bl-adozzjoni) u aħwa tal-pussessur jew żewġu/ha.

II. Il-pussessuri stess mhumiex inklużi fil-membri tal-familja.

B/3 **Taħriġ agrikolu tal-ġestitur**

Jiġi rreġistrat livell wieħed biss (l-ogħla) għal kull persuna.

Esperjenza prattika agrikola biss

I. Esperjenza akkwistata permezz ta' xogħol prattiku fuq impriża agrikola.

Taħriġ agrikolu bażiku

I. Korsijiet ta' taħriġ kompletati f'kulleġġ agrikolu ġenerali u/jew istituzzjoni li tispeċjalizza f'xi suġġetti (inklużi l-ortikultura, vitikultura, silvikultura, pixxikultura, xjenza veterinarja, teknoloġija agrikola u suġġetti assoċjati).

II. Terminu ta' apprendistat komplet agrikolu jitqies bħala taħriġ.

Taħriġ agrikulturali sħiħ

I. Kwalunkwe kors li jkompli għall-ekwivalenti għal mhux inqas minn sentejn taħriġ full-time wara t-tmiem ta' edukazzjoni obbligatorja (ara L/1 sa L/6 “Eta' tat-tluq mill-iskola”) u kompletat f'kulleġġ agrikolu, università jew istituzzjoni oħra ta' edukazzjoni ogħla fl-agrikoltura, ortikulutra, vitikultura, silvikultura, pixxikultura, xjenza veterinarja, teknoloġija agrikoltura u suġġetti assoċjati.

▼M1

C.	**TIP TA' ŻAMM U SISTEMA TA' BIEDJA**
C/1 to C/3	**Żona agrikola utilizzata**
I.	L-erja totali meħuda minn art tal-biedja, art miksija bil-ħaxix permanenti, ħsad permanenti u ġonna tal-kċejjen.
C/1	**Żona agrikola maħduma mill-proprjetarju**
I.	Żona agrikola maħduma mill-impriża li qed tiġi sorveljata u li hija l-proprjetà tal-pussessur jew maħduma minnu bħala użufruttwarju jew kerrej fit-tul, werriet jew taħt xi tip ieħor ekwivalenti ta' żamma.
II.	Art allokata lil ħaddiem fuq razzett (għall-kultivazzjoni proprja tiegħu) bħala parti mill-ħlas kollha lill-impriża li qed tagħmel l-allokkazzjoni, sakemm il-ħaddiem tar-razzett juża l-mezzi proprji tiegħu tal-produzzjoni. Biċċiet ta' art miżmuma mill-pussessur ta' qabel (ara Impriża Agrikulturali, punt 2.2) jiġu allokati lill-impriża li flimkien magħhom l-art miżmuma tinħadem normalment u ġeneralment l-istess forza ta' ħidma ta' produzzjoni bħall-bqija ta' l-impriża tiġi impjegata. Iżda, drittijiet li jirgħu fuq art komuni għall-mergħa mhumiex inklużi e.ż. fuq art komuni li tappartjeni għall-parroċċa jew għall-koperattiva (dawn iż-żoni, li mhumiex parti minn impriża, mhumiex koperti f'dan l-istħarriġ).
C/2	**Żona agrikola maħduma mill-kerrej**
I.	Art mikrija mill-impriża in konsiderazzjoni għal kera fissa mqabbla bil-quddiem (kontanti, jew beni jew mod ieħor), u li għaliha hemm ftehim ta' kera (miktub jew orali). Żona tiġi allokata għal mpriża waħda biss. Jekk żona tinkera lil diversi impriżi fis-sena riferenti, normalment tiġi allokata għall-impriża li hija assoċjata magħha għall-itwal terminu ta' żmien fis-sena riferenti.
II.	L-art mikrija tista' tikkonsisti f': — impriża sħiħa, — biċċiet ta' art individwali. Art mikrija ma tistax titqies parti mill-impriża tal-proprjetarju, iżda dejjem ta' l-impriża tal-kerrej. Annimali fuq l-art jitqiesu li jappartjenu għall-impriża li tippossjedi l-annimali. Biċċiet ta' art jew impriżi mikrija mill-pussessur minn membri tal-familja tal-pussessur huma inklużi hawn jekk dawn iż-żoni huma maħduma bħala parti mill-impriża mistħarrġa. Hija inkluża wkoll art li tappartjeni għal impriża oħra iżda maħduma mill-impriża li qed tiġi sorveljata għal numru ta' sigħat ta' xogħol iżda mhux art mqiegħda għad-disposizzjoni tal-ħaddiem ta'l-art bħala forma ta' paga. B'mod oppost mill-każ ta' art imqiegħda għad-disposizzjoni ta' ħaddiem ta' l-art bħala forma ta' paga, li ġeneralment tibqa' fis-sistema ta' rotazzjoni tal-ħsad tal-impriża, ftehim ta' kera tat-tip previst hawn ma tispeċifikax biss l-erja ta' art ikkonċernata iżda wkoll fejn hi u l-fruntieri preċiżi tagħha. Art mikrija li ġiet sub-mikrija lil terzi persuni għandha tiġi inkluża bħala parti mill-impriża ta' dan it-terz, minħabba li ma tikkostitwixxix parti mill-impriża mistħarrġa.

▼M1

C/3	**Żona agrikola maħduma bl-ishma jew maħduma taħt modi oħrajn**
C/3 (a)	*Żona agrikola maħduma bi tqassim*
I.	Art (li tista' tikkostitwixxi impriża sħiħa) maħduma bħala sħubija mis-sid u mill-ħaddiem bi tqassim taħt ftehim bil-miktub jew orali ta' taqsim tal-biedja. Il-produzzjoni (sew ekonomika kemm fiżika) taż-żona maħduma bi tqassim tinqasam bejn iż-żewġ partijiet fuq bażi ta' ftehim.
II.	Dan jinkludi inter alia: *Colonia parziaria ta' impriżi sħaħ* F'colonia parziaria ta' impriżi sħaħ, min jagħti jafda razzett lil kap ta' familja, li jintrabat li jwettaq bl-għajnuna tal-membri tal-familja tiegħu (il-familja tar-razzett) ix-xogħol kollu meħtieġ fuq l-impriża u huwa stess li jsofri parti mill-ispejjeż u li jaqsam il-produzzjoni tar-razzett ma' min jagħti f'proporzjonijiet fissi.
C/3 (b)	*Żona agrikola utilizzata taħt modijiet oħrajn ta' żamma*
I.	Modi oħrajn ta' żamma mhux koperti band' oħra C/1 to C/3(a).
II.	Dan jinkludi inter alia: 1) art li fuqha l-pussessur igawdi d-drittijiet: — permezz ta' okkupanza ta' post partikolari (forestier, qassis, għalliem, eċċ.), — allokati skond il-parroċċa jew organizzazzjoni oħra e.g. Art ta' rgħaja komuni mqassma fuq bażi ta' kejl ta' art (distint minn art li fuqha hemm gawduti drittijiet komuni għar-rgħaja); 2) art, li l-impriża taħdem mingħajr ebda ħlas (e.g. żoni minn impriżi mitluqin li qed jinħadmu mill-impriża li qed tiġi mistħarrġa); 3) "*Colonia parziaria*" ta' biċċiet ta' art individwali F'"*colonia parziaria*" ta' biċċiet ta' art individwali, min jagħti jafda biss biċċa waħda jew aktar ta' art, li jintużaw taħt l-istess kundizzjonijiet deskritti taħt (a).
C/5	**Sistema u prattiki ta' biedja**
C/5 (a), (d) u (e)	*Biedja organika*
I.	L-informazzjoni għandha tingħabar dwar jekk l-impriża tipprattikax jew le l-agrikultura skond xi standards u regoli fissi speċifikati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2002 [2] jew, fejn applikabbli, il-leġislazzjoni l-aktar riċenti, dwar "produzzjoni organika ta' prodotti agrikulturali u indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fuq prodotti u ikel agrikulturali" u/jew ir-regoli nazzjonali ekwivalenti għall-produzzjoni organika.
II.	Ir-Regolament iwaqqaf qafas armonizzat għat-tabellar, produzzjoni u kontroll ta' prodotti agrikoli li għandhom, jew li huma maħsuba li jkollhom, indikazzjonijiet li jirreferu għall-metodi ta' produzzjoni organika. Skond ir-regoli tar-Regolament il-produzzjoni għandha ssir b'tali mod li l-biċċiet ta' l-art, u l-postijiet ta' produzzjoni u ħażna huma separati b' mod ċar minn dawk ta' kwalunkwe unità oħra li ma tipproduċix skond ir-regoli tal-biedja organika.

[1] ĠU L 198, tat-22.7.1991, pġ. 1.
[2] ĠU L 75, tas-16.3.2001, pġ. 21.

▼M1

Fil-każ fejn il-metodi tal-produzzjoni tal-biedja organika jiġu applikati biss fuq parti mill-erja agrikoli użata jew l-annimali ta' l-impriża, għandhom jiġu rreġistrati hawn dawk l-erji u l-annimali speċifiċi biss.

C/5 (a) *L-erja agrikola użata ta' l-impriża li fuqha jiġu applikati metodi ta' biedja organika*

I. Dik il-parti ta' erja agrikola użata ta' l-impriża li fuqha l-produzzjoni hija totalment konformi mal-prinċipji tal-produzzjoni organika fuq il-livell tar-razzett kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91.

II. Ir-Regolament jagħmel differenza bejn żoni li huma totalment konformi mar-regoli mwaqqfa u dawk li għadhom f' perjodu ta' konverżjoni. Tista' titmexxa fuq is-suq b' tabella li tirreferi għall-metodu ta' produzzjoni organiku biss dik il-produzzjoni li toriġina minn żoni li ġew ikkonvertiti totalment għall-prinċipji ta' produzzjoni organika.

Taħt dan in-numru jiġu reġistrati biss dawk iż-żoni li għaddew mit-terminu tal-konverżjoni kollu biss (ara C/5(d)).

C/5 (d) *L-erja agrikola użata ta' l-impriża li qed tiġi kkonvertita lejn metodi ta' produzzjoni ta' biedja organika*

I. Dik il-parti ta' l-erja agrikola użata ta' l-impriża li fuqha qed jiġu applikati metodi ta' biedja organika, iżda fejn it-terminu ta' tibdil għadu ma jistax jitqies li huwa totalment konformi mal-prinċipji tal-produzzjoni organika fuq il-livell tar-razzett kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 għadu ma ntemmx.

II. Taħt dan in-numru jiġu reġistrati biss dawk iż-żoni li m' għaddewx mit-terminu tal-konverżjoni kollu (ara C/5(a)).

C/5 (e) *Impriżi li japplikaw metodi ta' produzzjoni organika wkoll għall-produzzjoni ta' l-annimali*

I. Impriżi fejn il-produzzjoni ta' annimali kollha jew parti minnha hija totalment konformi mal- prinċipji tal-produzzjoni organika fuq il-livell tar-razzett kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 209291 jew hija fit-terminu tal-konverżjoni biex tintlaħaq tali konformità.

II. Ir-Regolament jgħid li normalment il-produzzjoni kollha ta' l-annimali fuq impriża għandha titrabba skond regoli dwar produzzjoni organika. Fil-każijiet biss fejn il-bini, artijiet u l-ispeċi huma ċarament separati, tista' parti mill-annimali titrabba taħt trobbija oħra.

C/5 (c) *Appoġġ għal irbit agri-ambjentali*

I. Kwalunkwe appoġġ imħallas lill-impriża permezz ta' skema ta' l-Istat Membru skond it-tifsira ta' l-Artikoli 22 sa 24 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, jew, fejn tgħodd, l-aktar leġislazzjoni reċenti. Jiġi inkluż wkoll appoġġ imħallas għal skemi simili bbażat fuq leġislazzjoni Komunitarja aktar anzjana. Appoġġ għal biedja organika biss huwa esklużż.

II. Skond ir-Regolament (KE) Nru 1257/99, l-appoġġ jista' jitħallas għall-produzzjoni agrikoli li jħarsu l-ambjent u jżommu l-kampanja (agri-ambjentali) permezz ta':

— metodi ta' użu ta' art agrikola li huma kompatibbli mal-protezzjoni u t-titjib ta' l-ambjent, il-pajsaġġ u l-karatteristiċi tagħha, ir-riżorsi naturali, il-ħamrija u d-diversità ġenetika.

— estensività tal-biedja u l-ġestjoni ta' sistemi ta' mergħa ta' intensità baxxa;

▼M1

— konservazzjoni ta' ambjenti maħduma b'valur-tannatura għoli

— manteniment tal-pajsaġġ u karatteristiċi storiċi fuq art agrikola,

— użu ta' ppjanar agrikolu fil-prattika tal-biedja.

Appoġġ jista' jingħata lil bdiewa li jagħtu rbit agri-ambjentali minn ta' l-inqas għal ħames snin (jew għal żmien itwal fejn meħtieġ). Dan l-irbit għandu jinvolvi aktar mill-applikazzjoni tal-prattika normali tajba fil-biedja, u jipprovdi għal servizzi li mhumiex provduti minn miżuri oħrajn ta' appoġġ, bħal appoġġ fis-suq jew konċessjonijiet kompensatorji.

L-appoġġ jinħadem a bażi ta' dħul mitluf, spejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-irbit mogħti, u l-ħtieġa li tingħata inċentiva.

Inbdew skemi simili ta' appoġġ skond leġislazzjoni Komunitarja aktar antika. B' konsiderazzjoni għall-irbit fit-tul li saru taħt dawn l-iskemi, jistgħu jkunu validi matul ħafna snin. Dawn l-appoġġi għandhom ukoll jiġu rreġistrati taħt din l-entrata.

▼M2

C/05. **Farming system and practices**

1. *C/5 (f) Aid for investments during the last five years*

I. Public aid for investment concerns measures covered by Regulation (EC) No 1257/1999 concerning rural development.

II. 'Directly' means that the characteristic does not cover investment aid which is not paid directly to the holding but provided at a higher level (regional or group), even if the holding would have benefited from this aid indirectly. Examples of investments not covered are:

— basic services for the rural economy and population,

— development and improvement of infrastructure connected with the development of agriculture,

— setting-up of farm relief and farm management services,

— marketing of quality agricultural products,

— land improvement,

— reparcelling.

Nor does the question cover support and measures existing in Regulation (EC) No 1257/1999 that are not related to investments such as:

— training (chapter III),

— early retirement (chapter IV),

— LFA and areas with environmental restrictions (chapter V),

— agro-environment (chapter VI).

2. *C/5 (f) (i) Benefit from public aid within the framework of productive investments*

I. Productive investments concern, in Regulation 1257/1999:

— Article 4 : investment in agricultural holdings;

— Article 8: setting-up of young farmers.

▼M2

3.	*C/5 (f) (ii) Benefit from public aid within the framework of rural development measures*
I.	The rural development measures covered by this question are certain measures implemented under Article 33 of Regulation (EC) No 1257/1999: — renovation and development of villages and protection and conservation of the rural heritage, — diversification of agricultural activities and activities close to agriculture to provide multiple activities or alternative incomes, — encouragement for tourist and craft activities, — protection of the environment in connection with agriculture, forestry and landscape conservation as well as with the improvement of animal welfare, — financial engineering, as well as investment in forestry (chapter VIII).
C/06	**Destination of the holding's production**
4.	*C/6 (a) The holder's household consumption*
II.	►M3 Għotjiet lill-familja jew lill-qraba mingħajr rimunerazzjoni għandhom ikunu kkunsidrati bħala konsum tad-dar. Il-prodott finali hekk kif hemm referenza għalih taħt din il-karatteristika jsegwi d-definizzjoni tal-ħruġ finali użat fil-kontijiet agrikoli (i.e. il-prodotti agrikoli użati bħala dħul għal produzzjoni oħra, bħall-għalf għaż-żwiemel għall-produzzjoni ta' l-annimali, mhumiex inklużi fil-ħruġ finali). Il-50 % ovvjament m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala l-limitu eżatti, imma biss bħala ordni ta' daqs. ◄
5.	*C/6(b) Direct sales to consumers*
II.	The 50 % should of course not be considered as the result of an exact estimation, but as an order of magnitude.

▼M1

D. sa H.	**ERJA TOTALI**
I.	L-erja totali ta' l-impriża (D sa H) tikkonsisti fl-erja agrikulturali utilizzata mill-impriża (D sa G) u art oħra (H).
II.	Fit-taqsima I tingħata informazzjoni aktar preċiża dwar kif xi żoni huma diġa' mdaħħla taħt it-taqsimiet D sa H jiġu utilizzati. Kwalunkwe żona rreġistrata taħt it-taqsima I ma tistax għalhekk tiżdied ma' żoni oħrajn għax b'hekk jiġu rreġistrati darbtejn. Iż-żona agrikoli użata għall-biedja tinkludi l-erja taħt produzzjoni ewlenija għall-ġbir fis-sena ta' l-istħarriġ. Għat-tqassim ta' l-erja totali skond l-erja maħduma, kull erja tiġi elenkata darba biss. Ħsad permanenti u ħsad li jservi diversi snin (e.ż asparagu, frawli jew, siġriet żgħar), huma inklużi mis-sena fejn jinżergħu ukoll jekk għadhom mhumiex jipproduċu. Il-faqqiegħ ikkultivat (1/2) huwa eskluż mill-erja totali. F' każ ta' ħsad kkombinat (1/5) l-erja agrikola użata tiġi allokata bejn il-ħsad pro rata għall-użu ta' l-art mill-ħsad ikkonċernat. Żoni ta' agrikoltura kkombinati ma' art foresta jinqasmu b' mod simili.

▼M1

Dan il-prinċipju ma japplikax għal ħsad mħallat (dan huwa ħsad mkabbar u migbur flimkien fuq l-istess art, e.g. qamħirrun imħallat) jew għal ħsad suċċessiv (eż xgħir bis-silla miżrugħa taħtu għall-ħsad aktar tard).

F' każ ta' ħsad ikkombinat, jekk ħsad wieħed m' għandux sinjifikanza għall-impriża, jiġi injorat fit-tqassim taż-żoni.

Tista' ssir eżenzjoni mill-prinċipju ta' allokazzjoni pro rata fejn ir-riżultati ma jkunux soddisfaċenti, sakemm ir-regoli stabbiliti mill-Istati Membri bi ftehim mal-Kummissjoni jiġu rispettati.

Ħsad sekondarju suċċessiv jiġi rreġistrat biss taħt l-intestatura 1/1. Taħt l-intestaturi D sa G ma tiġix ikkalkolata l-erja ta' kull ħsad suċċessiv, iżda l-erja tiġi allokata għal ħsad wieħed biss li jitqies bħala l-ħsad ewlieni. Meta matul sena waħda ta' ġbir jitkabbar ħsad differenti, il-ħsad ewlieni huwa dak li għandu l-ogħla valur ta' produzzjoni. Jekk il-valur tal-produzzjoni ma jiddeterminax liema huwa l-ħsad ewlieni, allura l-ħsad ewlieni jittieħed bħala dak li jokkupa l-art għall-itwal żmien.

D. **ART LI TISTA' TINĦADEM**

I. Art maħduma (maħruta jew mgħażqa) regolarment, ġeneralment taħt sistema ta' rotazzjoni tal-ħsad.

II. Sistema ta' rotazzjoni tal-ħsad tfisser li l-ħsad fuq plott partikolari jsegwi ħsad ieħor skond pjan definit minn qabel. Normalment il-ħsad jinbidel kull sena, iżda jista' wkoll ikun multi-annwali. Biex l-art li tista' tinħadem tiġi diskriminata minn ħsad permanenti (G) jew art miksija bil-ħaxix permanenti u mergħat (F), jintuża limitu ta' ħames snin. Dan ifisser li jekk plott jintuża għall-istess ħsad għal ħames snin jew aktar, mingħajr ma jitneħħa intant il-ħsad preċedenti u tiġi stabbilita waħda ġdida, ma titqiesx art li tista' tinħadem.

Xi ħsad li normalment jitqiesu bħala ħaxix, bħal pjanti ornamentali jew pjanti industrijali, (e.g. asparagu, ward, arbuxxelli dekorattivi kkultivati għall-fjur jew il-weraq tagħhom, frawli, hops) huma inklużi f' din il-kategorija, ukoll jekk jistgħu jokkupaw l-art aktar minn ħames snin.

▼M3

L-art li tista’ tinħarat tinkludi l-kategoriji tal-prodotti tar-raba’ D/1 sa D/20, D/23 - D/35, l-art mhux maħduma mingħajr sussidji (D/21) u art mhux maħduma suġġetta għall-ħlas ta’ sussidji, mingħajr użu ekonomiku (D/22).

▼M1

Żoni ta' ħsad industrijali mkabbra fuq art mhux użata jiġu inklużi taħt l-intestaturi rispettivi, u huma rreġistrati wkoll taħt I/8(b).

D/1 to D/8 **Ċereali għall-produzzjoni tal-qmugħ (inkluża ż-żerriegħa)**

II. Eskluzi ċereali maħsuda jew ħaxix għall-ġwies. Dawn jaqgħu taħt D/18.

D/1 **Qamħ komuni u dqiq tal-Ġermanja**

I. *Triticum aestivum L. emend. Fiori et Paol*., *Triticum spelta* L, u Triticum *monococcum* L.

D/2 **Qamħ durum**

I. *Triticum durum Desf*.

D/3 **Segala**

I. *Secale cereale* L.

▼M1

	Jinkludi taħlit ta'segala u ċereali oħrajn miżrugħa fil-ħarifa.
D/4	**Xgħir**
I.	*Hordeum vulgare* L.
D/5	**Ħafur**
I.	*Avena sativa* L.
	Jinkludi taħlit ta' ħafur u ċereali oħrajn miżrugħa fir-rebbiegħa
D/6	**Qamħirrum taz-żara'**
I.	Qamħirrun (*Zea mays* L.) miżrugħ għall-ħsad.
II.	Qamħirrun maħsud bl-idejn, b'ħsad tal-qamħ, xellatur ta' qamħ jew magna tal-ħsad, mingħajr riferenza għall-użu, inkluż qamħ għall-ħżin. Ukoll, qamħ maħsud flimkien ma' partijiet taċ-ċifciegħ, iżda b' umditá ogħla minn 20 % u wżat għall-ħżin (imsemmi taħlita tal-qamħ-ċifċiegħ, TĦQ) jiġi inkluż hawn.
	Ċifċiegħ tal-qamħ ħelu għall-konsum mill-bniedem jiġi inkluż taħt D/14.
D/7	**Ross**
I.	*Oryza sativa* L.
D/8	**Ċereali oħrajn għall-produzzjoni tal-qamħ**
I.	Ċereali miżrugħa fi ħsad pur, maħsuda niexfa għall-qamħ, u li mhumiex irreġistrati xi mkien ieħor taħt D/1 sa D/7.
II.	Ċereali li għandhom jiġu rreġistrati huma fost l-oħrajn: sorghum (*Sorghum bicolor* x *Sorghum sudanense.),* triticale *(Ifiticosecale* Wittmack), qanneb (*Panicum miliaceum* L.). buckwheat (*Fagopyrum esculentum*.) u żerriegħa tal-kanarini (*Phalaris canariensis* L.) huma nklużi hawn ukoll, minħabba li hima kkultivati u ppproċessati bl-istess mod bħaċ-ċereali.
D/9	**Ħsad ta' proteini għall-produzzjoni tal-qamħ (inklużi żerriegħa u taħlitiet ta' mżiewed u ċereali)**
I.	Ħsad miżrugħ u maħsud l-aktar għall-kontenut tal-proteini tiegħu.
II.	Ħsad ta' proteini maħsud aħdar jiġi inkluż taħt D/14 jew D/18, skond l-użu tagħhom. Dan il-ħsad jikkonsisti l-aktar f' pjanti leguminużi.
D/9 (e)	*Piżelli, fażola tar-raba' u lupini ħelwin*
I.	*Pisum sativum* L., *Vicia faba* L., *Lupinus spp*., miżrugħa fi ħsad pur, maħsuda niexfa għall-qamħ.
D/9 (f)	*Għads, ċiċri u ġulbiena*
I.	*Lens culinaris, Cicer arietinum, Vicia pannonica Crantz* jew *Vida varia* miżrugħa fi ħsad pur, maħsuda niexfa għall-qamħ.
D/9 (g)	*Ħsad ieħor tal-proteini maħsud niexef*
I.	Ħsad miżrugħ u maħsud niexef għall-qamħ, l-aktar għall-kontenut ta' proteini tiegħu, li mhux imsemmi band'oħra.
D/10	**Patata (inkluża patata bikrija u patata taż-żerriegħa)**
I.	*Solanum tuberosum L.*
D/11	**Zokkor beet (minbarra ż-żerriegħa)**
I.	*Beta vulgaris* L. maħsuba għall-industrija taz-zokkor u l-produzzjoni ta' l-alkoħol

▼M1

D/12	**Għeruq ta' l-għalf u brassika (minbarra ż-żerriegħa)**
I.	*Beets* ta' l-għalf (*Beta vulgaris* L.) u pjanti tal-familja brassika maħsuba għall-għalf u pjanti oħrajn ikkoltivati l-aktar għall-għeruq tagħhom għall-għalf, mhux imsemmija band'oħra.
II.	Il-pjanti kollha tal-familja brassika maħsuba għall-għalf huma inklużi hawn, kemm jekk huma l-għeruq kif ukoll jekk huwa z-zokk li jinħasad għall-għalf. Oħrajn jistgħu jkunu per eżempju qaqoċċ ta' Ġerusalemm (*Helianthus tuberosus L.),* patata ħelwa (*Ipomoea batatas* (L.) Lam.), zunnarija ta' l-għalf (*Pastinaca saliva* L.), *yam* (*Discorea spp*.), *manioc* (*Manihot esculenta Crantz*).
D/23 to D/35	**Pjanti industrijali**
I.	Pjanti li normalment ma jinbigħux direttament għall-konsum għaliex jeħtieġu li jiġu pproċessati industrijalment qabel l-użu finali.
II.	Jinkludu żerriegħa għal pjanti taż-żerriegħa taż-żejt erbaċei, minbarra ż-żerriegħa u żerriegħa żgħira għal pjanti tal-ħjut, *hops*, tabakk u ħsad ieħor industrijali.
D/23	**Tabakk**
I.	*Nicotiana tabacum* L.
D/24	**Hops**
I.	*Humulus lupulus* L.
D/25	**Qoton**
I.	*Gossypium spp*.
D/26	**Rapa u rapa tan-nevew**
I.	*Brassica napus* L.u *Brassica rapa*, mkabbra għall-produzzjoni taż-żejt, maħsuda bħala qamħ niexef.
D/27	**Fjur tal-ġirasol**
I.	*Helianthus annuus* L.
D/28	**Soja**
I.	*Glycine max* L.
D/29	**Żerriegħa tal-kittien (kittien taż-żejt)**
I.	*Linum usitatissimum* L., varjetajiet imkabbra l-aktar għall-produzzjoni taż-żejt
D/30	**Ħsad ieħor ta' żerriegħ taż-żejt**
I.	Pjanti oħrajn imkabbra l-aktar għall-kontenut tagħhom ta' żejt, maħsuda bħala qamħ niexef, li mhumiex imsemmija band' oħra.
II.	Dawn jistgħu jkunu e.ż mustarda (*Sinapis alba* L.), peprin (*Papaver somniferum* L.) ġunġlien (*Sesamum indicum* L.) lewż ta' l-art (*Cyperus esculentus L.*), karawett (*Arachis* hypogea).
D/31	**Kittien**
I.	*Linum usitatissimum* L., varjetajiet imkabbra l-aktar għall-produzzjoni tal-ħjut.
D/32	**Qanneb**
I.	*Cannabis sativa* L.
D/33	**Ħsad ieħor tat-tessili**
I.	Pjanti oħrajn imkabbra l-aktar għall-kontenut tagħhom ta' ħjut, li mhumiex imsemmija band' oħra.

▼M1

II.	Dawn jistgħu jkunu e.ż., *jute* (*Corchorus capsularis*), abaca/manila (*Musa textilis*), sisal (*Agavesisalana*), kenaf (*Hibiscus cannabinus*).
D/34	**Pjanti u erbi aromatiċi u mediċinali**
II.	Il-pjanti u erbi aromatiċi u mediċinali prinċipali huma:
	angelica (*Angelica spp*.), belladonna (*Atropa spp*.), kamumilla (*Matricaria spp*.), kemmun (*Carum spp*.),digitalis (*Digitalis spp*.), gentian (*Gentiana spp*.), hyssop (*Hyssopus spp*.), ġiżimin (*Jasminum spp*.), lavanda u lavandin (*Lavandula spp*.), marjoram (*Origanum spp*.), melissa (*Melissa spp*.), nagħniegħ (*Mentha spp*.), peprin (*Papaver spp*.), periwinkle (*Vinca spp*.), psyllium (żerriegħa) (*Psyllium spp*.), zagħfran (*Curcuma spp*.), salvja (*Salvia spp*.), marigold *(Calendula spp*.), valerian (*Valeriana spp*.), eċċ.
D/35	**Pjanti industrijali, mhux imsemmija band'oħra**
I.	Ħsad ieħor industrijali li ma ssemmiex band'oħra.
II.	Dawn jistgħu jkunu, per eżempju, Ċikwejra (*Cichorium intibus* L.) u kanen taz-zokkor (*Saccharum officinarum* L.).
D/14u D/15	**Ħaxix frisk, bettieħ, frawli**
II.	Il-faqqiegħ ikkultivat (1/2) huwa eskluż.
D/14	**Ħaxix frisk, bettieħ, frawli, ta' barra jew taħt kanupew baxx (mhux aċċessibbli)**
D/14(a)	*Għalqa miftuħa*
I.	Ħaxix, bettieħ, frawli mkabbar fl-art b'rotazzjoni ma' ħsad ieħor agrikolu.
II.	Ħaxix fl-għelieqi miftuħa li huwa l-aktar, iżda mhux dejjem, destinat għall-proċessar industrijali u mhux direttament għal fuq is-suq. L-element bażi hawn huwa s-sistema ta' rotazzjoni fuq l-impriża: jekk l-erja okkupata mill-ħaxix tiġi rotata bi ħsad minbarra ħsad ortikulturali (D/14 u D/16), l-erja in kwistjoni hija "għalqa miftuħa".
D/14(b)	*Ħidma tal-ġnien għas-suq*
I.	Ħaxix, bettieħ, u frawli mkabbar fl-art b' rotazzjoni ma' ħsad ieħor ortikulturali (D/14 and D/16).
II.	Ħaxix tal-ġnien għas-suq li huwa l-aktar, iżda mhux dejjem, destinat direttament għal fuq is-suq minflok għall-proċessar industrijali. L-element bażi hawn huwa s-sistema ta' rotazzjoni fuq il-plott: jekk l-erja okkupata mill-ħaxix tiġi rotata biss bi ħsad ortikulturali ieħor (D/14 u D/16), hija art ta' "ħidma tal-ġnien għas-suq"
D/15,D/17 u G/7	**Ħsad taħt għata tal-ħġieġ jew għolja (aċċessibbli)**
I.	Ħsad li għat-terminu tat-trobbija tagħhom kollu jew għal parti predominanti minnu huma koperti minn serer jew għata għolja fissa jew mobbli (ħġieġ jew plastik riġidu jew flessibbli).
II.	Dan jeskludi folji tal-plastik imqiegħda ċatti fl-art, l-art taħt *cloches* jew mini mhux aċċessibbli lill-bniedem jew kwadri mgħottija mill-ħġieġ li jiċċaqalqu. Għall-serer jew għata għoli mobbli, l-erja rrappurtata hija l-erja totali attwalment mgħottija matul it-12-il xahar qabel (jingħaddu biex tiġi kkalkulata l-erja totali koperta), mhux biss l-erja mgħottija mill-istallazzjoni f' ħin wieħed. Erji ta' ħsad li jitkabbru temporanjament taħt il-ħġieġ u temporanjament fil-berah jiġu rrapportati hala total-

▼M1

	ment taħt il-ħġieġ, sakemm il-ħin taħt il-ħġieġ huwa ta' żmien estremament limitat.
	Jekk l-istess erja taħt il-ħġieġ tintuża aktar minn darba, tiġi rrappurtata darba biss.
	Tingħadd biss l-erja bażi ta' serer b'aktar minn sular wieħed.
D/16	**Fjuri u pjanti tat-tiżjin (minbarra mixtliet), barra jew taħt kanupew baxx (mhux aċċessibbli) protettiv**
D/17	**Fjuri u pjanti tat-tiżjin (minbarra mixtliet), taħt ħġieġ jew kanupew ieħor (aċċessibbli) protettiv**
D/18	**Pjanti għall-irigħ**
I.	Ħsad "aħdar" li jista' jitkabbar maħsub għall-għalf, mkabbar b' rotazzjoni ma' ħsad ieħor u li jokkupa l-istess art għal inqas minn ħames snin (ħsad ta' għalf annwali jew multi-annwali).
II.	Dan il-ħsad "aħdar" (opposti għal dawk "għal qamħ niexef") normalment jintużaw biex l-annimali jiġu permessi li jirgħu jew jinħasdu ħodor iżda jistgħu wkoll jinħasdu mnixxfa, bħat-tiben niexef. Ġeneralment il-pjanta kollha, minbarra l-għeruq, tinħasad u tintuża għall-għalf.
	Ħsad mhux użat fl-impriżi imma mibjugħ, jew għall-użu direct fuq impriżi oħrajn jew lill-industrija, jiġi inkluż.
	Ċereali, pjanti industrijali u ħsad ieħor ta' art li tista' tinħadem, maħsudin u/jew ikkunsmati aħdar għall-għalf huma nklużi. Għeruq u brassika ta' l-għalf (D/12) huma esklużi.
D/18 (a)	*Ħaxix temporanju*
I.	Pjanti ta' ħaxix għall-irigħ, tiben jew ħażna inklużi bħala parti minn rotazzjoni ta' ħsad normali, li jservu għall-inqas għal sena ta' ħsad u inqas minn ħames snin, miżrugħa ma' ħaxix jew taħlit ta' ħaxix. L-erji jinqasmu bl-irħit jew tgħażiq ieħor jew il-pjanti jinqerdu b'mezzi oħrajn bħall-erbiċidji qabel ma jerġgħu jinżergħu.
II.	Taħlitiet ta' pjanti predominentement tal-ħaxix u ħsad ieħor għall-irigħ (normalment leguminużi), mirgħa, maħsuda ħodor jew bħala tiben niexef jiġu inklużi hawn.
	Ħsad ta' ħaxix annwali (li jdumu inqas minn sena ta' ħsad) mhumiex inklużi hawn.
D/18 (b)	*Għalf ieħor aħdar*
I.	Ħsad ieħor predominentement annwali għall-għalf (eż., ġilbien, maiż aħdar, ċereali maħsuda u/jew ikkonsmati ħodor, pjanti leguminużi).
D/18 (b/i)	Maiż aħdar (maiż għall-ħażna)
I.	Maiż (*Zea mays* L.) (imkabbar għall-ħażna)
II.	Il-forom kollha ta' maiż għall-għalf li mhux maħsuda għall-qamħ (ċifċiegħ sħiħ, partijiet mill-pjanta jew il-pjanta sħiħa). Dan jinkludi maiż aħdar ikkonsmat direttament mill-annimali (mingħajr ħażna) u ċifċiegħ sħaħ (qamħ, rachis, qoxra) maħsuda għall-għalf jew għall-ħażna.
D/18 (b iii)	Pjanti oħra għall-irigħ
I.	Ħsad ieħor li jista' jitkabbar maħsub bħala għalf għall-annimali, maħsud aħdar, mhux imsemmi band' oħra.
II.	L-ispeċje varji ta' silla, annwali jew perennjali: bħal krimżi (*Trifolium incarnatum* L.), aħmar (T. *pratense*

▼M1

L.), abjad (T. *repens* L.), Eġizzjan (T. *alexandrinum*), Persja (T. *resupinatum*) u tipi differenti ta' *lucerne* huma inklużi hawn.

Taħlit ta' ħsad ta' għalf u pjanti tal-ħaxix predominentement leguminużi (normalment > 80 %), maħsuda ħodor jew bħala tiben imnixxef huma inklużi hawn.

Inklużi hawn: ħsad annwali bħal ċereali, ħaxixiet tip *ray* annwali, sorġu annwali, xi pjanti annwali graminaċej bħal meadowgrass (*Poa annua* L.), pjanti li jappartjenu għal familji oħrajn bħall-kruċiferi u li mhumiex imsemmija band'oħra (kolz, eċċ), il-kampanella ta' Kalifornja *(Phaceliatanacetifolia Benth),* jekk jinħasdu ħodor.

Il-maiż aħdar huwa eskluż.

D/19 **Żerriegħ u żrieragħ ta' l-art li tista' tinħadem**

I. Żoni li jipproduċu żerriegħ u żrieragħ għall-bejgħ, minbarra ċereali, ross, pulsi (legumi), patata u żerriegħ li jipproduċi. Żerriegħ u żrieragħ għall-bżonnijiet proprji ta' l-impriża (e.g., pjanti ta' ħaxix żgħar bħal żrieragħ ta' kaboċċi u ħass) huma inklużi taħt l-intestatura tal-ħsad ikkonċernat

II. Jinkludi żerriegħ għall-irigħ ħodor.

D/20 **Ħsad ieħor li jista' jitrabba'**

I. Ħsad li jista' jitrabba' li mhux inkluz taħt D/1 sa D/19 jew taħt D/21 sa D/3 5.

II. Dan jinkludi biss ħsad ta' importanza ekonomika baxxa u għandu jkun fih biss pjanti li ma jistgħux jiġu kklassifikati taħt numru ieħor. Taħlit ta' ħsad għandu sa fejn possibbli jiġi rreġistrat band'oħra, jew skond id-definizzjonijiet tal-varjabbli rispettiv jew, jekk ma jissemma xejn, taħt il-ħsad bl-ogħla valur ekonomiku.

Jekk ħsad ma jistax jiġi rreġistrat separatament, għandu jingħabar ma' ħsad ta' l-istess tip pjuttost milli ma' ħsad ieħor ta' kategorija differenti. Bħala eżempju erji żgħar b'kittien taż-żejt m'għandhomx jiġu inklużi hawn, iżda taħt "pjanti oħrajn taż-żejt".

D/21 u D/22 **Art li mhix qed tinħadem**

II. Art li mhix qed tinħadem m'għandhiex tiġi mħawda ma' ħsad suċċessiv (1/1) u erja agrikola mhux użata (H/1). Il-karatteristika essenzjali ta' art li mhix qed tinħadem hija li titħalla tirkupra, normalment għat-tul kollu ta' sena tal-ħsad.

Art li mhix qed tinħadem tista' tkun:

1. art għerja li ma fiha l-ebda ħsad;
2. art b'kobor spontanju naturali, li tista; tintuża bħala għalf jew tinħarat;
3. art miżrugħa esklussivament għall-produzzjoni ta' demel aħdar (art li ma tistax tinħadem ħadra)

D/21 **Art li mhix qed tinħadem mingħajr ebda sussidju**

I. L-art kollha mhux inkluża fis-sistema ta' rotazzjoni tal-ħsad, kemm jekk maħduma jew le, iżda li ma tipproduċix ħsad għat-terminu ta' sena ta' ħsad, li għaliha ma titħallas l-ebda għajnuna jew sussidju finanzjarju.

▼M3

D/22 **Art mhux maħduma suġġetta għall-ħlas ta' sussidji, mingħajr użu ekonomiku**

I. Żoni li m'għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni għal liema l-proprjetà hija intitolata għall-għajnuna finanzjarja. Din tinkludi żoni li, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003

▼M3

(jew, fejn applikabbli, l-iktar leġiżlazzjoni riċenti), m'għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni, huma miżmuma f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, u huma eliġibbli għal ħlas waħdieniwaħdieni jew għal ħlas ta' jeddijiet imwarrba. Jekk hemm skemi nazzjonali simili, dawn iż-żoni huma inklużi wkoll taħt din il-karatteristika.

Żoni li m'għadhomx jintużaw għall-produzzjoni għal iktar minn ħames snin, taħt skemi li m'għandhomx bżonn żamma ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, għandhom ikunu dokumentati taħt H/1 + H/3.

▼M1

II. Erji li jistgħu jinħadmu taħt skemi li fihom il-produzzjoni mhux ta' ikel hija permessa u attwalment titkabbar taħt kuntratti jiġu rreġistrati taħt D/1 sa D/20 jew D/23 sa D/35.

E. **ĠONNA TAL-KĊINA**

I. Żoni dedikati għall-kultivazzjoni ta' produzzjoni agrikola intiżi għall-konsum mill-pussessur jew id-dar tiegħu.

II. Il-ġonna tal-kċina huma normalment maqtugħin mill-bqija ta' l-art agrikola, u jintgħarfu bħala ġonna tal-kċina. Prodotti okkażjonali żejda li ġejjin minn din l-erja biss jinbiegħu mill-impriża. Iż-żoni kollha li minnhom il-prodotti huma konsistentement fuq is-suq jappartjenu taħt numri oħrajn, ukoll jekk parti mill-prodotti huma kkonsmati mill-pussessur u d-dar tiegħu.

Żoni li jipproduċu għalf għal annimali, ukoll jekk l-annimali jiġu kkonsmati mill-pussessur u l-familja tiegħu, jappartjenu taħt in-numri rispettivi.

Ġnien tal-kċina jista' jikkonsisti kemm f'art li tista' tinħadem kif ukoll ħsad permanenti

Dawn mhumiex inklużi:

— Ġonna tad-divertiment (*parks* u *lawns*) (H/3),

— Erji kkultivati minn djar kollettivi, per eżempju istituzzjonijiet ta' riċerka, komunitajiet reliġjużi, skejjel tal-boarding, ħabsijiet, eċċ.Dawn l-erji jgħoddu bħala impriża agrikola jekk din l-impriża, filwaqt li hija mehmuża ma' dar kollettiva, hija operata b' tali mod li tilħaq xi kriterji ta' impriża agrikola. Dawn l-erji huma, bl-istess mod bħall-erji ta' impriża agrikola, kklassifikkata skond l-użu tagħhom.

F. **ART MIKSIJA BIL-ĦAXIX U GĦELIEQI TAL-ĦAXIX PERMANENTI**

I. Art użata permanentement (għal ħames snin jew aktar) biex jitkabbar ħsad ta' għalf erbaċej permezz ta' kultivazzjoni (miżrugħa) jew naturalment (miżrugħ minnu nnifsu) u li mhux inkluż fir-rotazzjoni tal-ħsad fuq l-impriża.

II. L-art tista' tintuża għall-irigħ jew tinħarat għall-ħzin jew tiben.

F/1 **Mergħa u egħlieqi tal-ħaxix, esklużi irigħ aħrax**

I. Mergħat permanenti fuq ħamrija tajba jew medja. Dawn l-erji jistgħu normalment jintużaw għall-irigħ intensiv.

II. Dawn li ġejjin huma esklużi:

— irigħ aħrax, kemm jekk użat b' mod intermittenti jew permanenti (F/2),

▼M1

— mergħat u egħlieqi tal-ħaxix li mhux qed jintużaw (H/1).

F/2 **Irigħ aħrax**

I. Mergħat permanenti li jipproduċu ftit, normalment fuq ħamrija ta' kwalità baxxa, bħal fuq art fit-tlajja' u f'altitudnijiet għoljin, normalment mhux imtejjba b' fertilizzant, kultivazzjoni, żriegħ mill-ġdid jew tneħħija ta' l-ilma.

Dawn l-erji normalment jistgħu jintużaw biss għall-irigħ estensiv u ma jistgħux jappoġġjaw densità għolja ta' annimali u normalment ma jinħasdux

II. Dan jista' jinkludi art ġeblija, xagħri, *moorland* u "foresti taċ-ċriev" fl-Iskozja

Irigħ aħrax li ma jintużax huwa eskluż (H/1).

▼M3

F/3 **Żoni ta' art mimlija ħaxix u mergħat permanenti li m'għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni u eliġibbli għall-ħlas ta' sussidji'**

I. Żoni ta' art mimlija ħaxix u mergħat permanenti li m'għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni, li, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 (jew, fejn applikabbli, l-iktar leġiżlazzjoni riċenti), huma miżmuma f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u huma eliġibbli għal ħlas waħdieni.

▼M1

G. **ĦSAD PERMANENTI**

I. Ħsad li ma jitkabbarx b'rotazzjoni, minbarra art miksija b'ħaxix permanenti, li jokkupa l-ħamrija għal żmien twil u tagħti ħsad matul diversi snin.

II. Din il-kategorija tinkludi mixtliet (ħlief mixtliet mhux kummerċjali ta' siġar tal-foresta mkabbra f' boskijiet li huma inklużi taħt art ta' boskijiet), u pjanti użati għal immaljar jew insiġ (żafżaf, qasab, simar, eċċ., G/6).

Ħsad li huwa ttrattat bħala ħaxix jew pjanti tat-tiżjin jew pjanti industrijali (eż., asparagu, ward, siġar żgħar tat-tiżjin ikkultivati għall-fjur jew il-weraq tagħhom, frawli, hops) mhumiex inklużi f' din il-kategorija, ukoll jekk permanenti. Jiġu rreġistrati taħt il-kategoriji korrispondenti ta' art li tista' tinħadem.

G/1 sa G/6 **Ħsad fuq barra permanenti**

G/1 **Pjantaġġuni tal-frott u frott żgħir tal-bosk (berry)**

I. Arji li fihom siġar, siġar żgħar u pjanti ta' *berry* perennjali minbarra l-frawli għall-produzzjoni tal-frott. L-imsaġar jistgħu jkunu tat-tip kontinwu bl-ispazjar minimu bejn is-siġar jew tat-tip mhux kontinwu bi spazjar kbir, u ma jistax ikun fihom ħsad ieħor.

II. Is-siġar tal-qastan huma inklużi

Pjantaġġuni taċ-ċitru (G/2) u taż-żebbuġ (G/3) u d-dwieli (G/4) huma esklużi.

G/1(a) *Frott frisk u speċi ta' berry ta' żoni tal-klima medja*

I. Pjantaġġuni tal-frott u ta' *berry*, li huma tradizzjonalment maħsuda fi klimi medji għall-produzzjoni ta' frott jew *berries* frisk.

G/1(b) *Speċje ta' frott u berry ta' żoni ta' klima sub-tropikali*

I. Pjantaġġuni tal-frott u berry, li huma tradizzjonalment maħsuda fi klimi subtropikali għall-produzzjoni ta' frott jew berries friski.

▼M1

II.	Dan il-ħsad per eżempju jitqiesu bħala speċi ta' frott jew tut subtropikali: anona (*AnonaSpp.*), ananas (*Ananas spp*.), avokado *(Persea* spp.), banana (*Musa spp*.), bajtar tax-xewk (*Opuntia spp*.), lychee (*Litchi spp*.), papaya (*Carica spp*.), mango (*Mangifera spp*.), guava (*Psidium sp*p.), passiflora (*Passiflora spp*.).
G/1 (ċ)	*Lewż*
II.	Dawn jistgħu jkunu e.ż., ġewż (*Juglaus regia* L.), ġellewż (*Corylus avelanna* L.), lewż (*Prunus dulcis* (Mill.) D.A. Webb.), qastan *(Castanea sativa* Mill.).
G/2	**Pjantaġġuni taċ-ċitru**
I.	*Citrus spp*.
G/3	**Pjantaġġuni taż-żebbuġ**
I.	*Olea europea* L.
G/3 (a)	*Li normalment jipproduċi żebbuġ għall-mejda*
I.	Pjantaġġuni ta' varjetajiet li normalment jitkabbru biex jiġi prodott żebbuġ tal-mejda
G/3 (b)	*Li normalment jipproduċi żebbuġ għall-produzzjon taż-żejt*
I.	Pjantaġġuni ta' varjetajiet li normalment jitkabbru għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa
G/4 (ċ)	***Għelieqi bid-dwieli***
I.	*Vitis vinifera* L.
G/4 (a)	*Għelieqi bid-dwieli, li minnhom normalmet hemm prodott: inbid ta' kwalità*
I.	Ħsad ta' varjetajiet ta' għeneb ta' l-inbid normalment imkabbra għall-produzzjoni ta' inbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjunijiet speċifiċi (inbejjed ta' kwalità psr) li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid [1] jew, fejn applikabbli, il-leġislazzjoni l-aktar riċenti u r-rekwiżiti stabbiliti b'implimentazzjoni ta' dawn, u stabbiliti b'regolamenti nazzjonali
G/4 (b)	*Għelieqi bid-dwieli li normalment jipproduċu: inbejjed oħrajn*
I.	Ħsad ta' varjetajiet ta' għeneb ta' l-inbid imkabbra għall-produzzjoni ta' inbejjed minbarra dawk ta' kwalità psr.
G/4 (c)	*Għelieqi bid-dwieli li normalment jipproduċu: għeneb tal-mejda*
I.	Ħsad ta' varjetajiet ta' għeneb ta' l-inbid imkabbra għall-produzzjoni ta' għeneb frisk.
G/4 (d)	*Għelieqi bid-dwieli li normalment jipproduċu: żbib*
I.	Ħsad ta' varjetajiet ta' għeneb ta' l-inbid imkabbra għall-produzzjoni ta' żbib.
G/5	**Mixtliet**
I.	Erji ta' pjanti żgħar lenjużi (ta' njam) imkabbra fil-beraħ għal transpjantazzjoni sussegwenti: (a) mixtliet ta' dwieli u għeruq (b) mixtliet tas-siġar tal-frott (ċ) mixtliet ornamentali; (d) mixtliet tas-siġar tal-foresti (minbarra dawk għall-ħtiġijiet proprji ta' l-impriża mkabbra f'art boski);

[1] ĠU L 179,ta' l-14.7.1999, pġ. 1.

▼M1

(e) siġar u arbuxxelli għaż-żrigħ fil-ġonna, parkijiet, ma' ġenb it-triq u fuq imbankments, (eż pjanti tal-hedgerow, siġar tal-ward u arbuxxelli oħrajn tat-tiżjin, koniferi tat-tiżjin) inklużi fil-każijiet kollha l-istokkijiet u ż-żrieragħ kollha tagħhom.

II. Mixtliet ta' siġar tal-foresti kummerċjali, kemm jekk f'art boski jew barra, huma inklużi taħt G/5, kif inhuma mixtliet tas-siġar tal-foresti mhux kummerċjali għall-ħtieġijiet tal-impriża stess imkabbra barra mill-art tal-bosk. Iżda l-mixtliet (ġeneralment żgħar) għall-ħtiġijiet proprji ta' l-impriża mkabbra fl-art tal-bosk huma inklużi ma' l-art tal-bosk (numru H/2).

F' forma tabulari

Mixtliet tas-siġar tal-foresta		
	Kummerċjali	Mhux Kummerċjali (għall-użu ta' l-impriża nnifsa)
Fl-art tal-bosk	G/5	H/2
Barra mill-art tal-bosk	G/5	G/5

G/6 **Ħsad ieħor permanenti**

I. Ħsad permanenti tal-beraħ minbarra dawk inklużi taħt G/1 sa G/5 u partikolarment dawk għall-plaiting jew insiġ (ara 02.01.42 fil-lista ta' prodotti agrikoli)

G/7 **Ħsad permanenti taħt il-ħġieġ**

Ara D/15, D/17 għad-definizzjoni ta' ħġieġ

H. **ART OĦRA**

"Art oħra" tinkludi art agrikoli mhux użata (art agrikoli li m' għadhiex tinħadem, għal raġjunijiet ekonomiċi, soċjali jew oħrajn, u li ma tintużax fis-sistema tar-rotazzjoni tal-ħsad) u art okkupata minn bini, btieħi ta' l-irziezet, passaġġi, għadajjar, barrieri, art infertili, blat, eċċ

H/1 **Art agrikola mhux użata (art agrikola li m'għadhiex tintuża, għal raġjunijiet ekonomiċi, soċjali jew oħrajn, u li ma tintużax fis-sistema tar-rotazzjoni tal-ħsad)**

I. Erja li qabel intużat bħala żona agrikola u matul issena riferenti ta' l-istħarriġ m' għadiex tinħadem għal raġjunijiet ekonomiċi, soċjali jew oħrajn, u li ma tintużax fis-sistema tar-rotazzjoni tal-ħsad, li jfisser li l-użu agrikola m' għadux maħsub.

II. Din l-art tista' tinġieb lura fil-kultivazzjoni bl-użu tar-riżorsi normalment disponibbli fuq art agrikola.

Dawn li ġejjin huma esklużi:

— ġonna tad-divertiment (*parks* u *lawns*) (H/3),

— art li ma tistax tinħadem (D/21 u D/22).

H/2 **Erja bil-bosk**

I. Erji mgħottija bis-siġar jew siġar żgħar tal-foresti, inklużi pjantaġġuni tal-poplar ġo jew barra mill-boskijiet u mixtliet tas-siġar tal-foresti mkabbra fl-art tal-bosk għall-ħtiġijiet proprji ta' l-impriża, kif ukoll faċilitajiet tal-foresti (toroq tall-foresti, depots tal-ħażniet' għall-injam, eċċ)

II. Fejn il-ħsad agrikolu jiġi kkombinat ma' art bil-bosk l-arja tinqasam pro rata għall-użu ta' l-art.

▼M1

Windbreaks, shelter-belts, hedgerows, eċċ, għandhom jiġu inklużi sa fejn huwa xieraq biex jitqiesu bħala art bil-bosk

Siġar tal-milied u siġar u arbuxxelli mkabbra l-aktar għall-użu fil-produzzjoni ta' l-enerġija huma inklużi hawn, bla qies ta' fejn huma mkabbra.

Dawn li ġejjin huma esklużi:

— siġar tal-ġellewż u tal-qastan imkabbra l-aktar għall-frott tagħhom (G/1), pjantaġġuni oħrajn ta' siġar mhux tal-foresti (G) u osieries (G/6),

— żoni ta' siġar iżolati, gruppi żgħar jew fillieri ta' siġar (H/3),

— parks (H/3), ġonna (parks u lawns) (H/3), art miksija bil-ħaxix (F/1 u F/2) mergħat ħorox mhux utilizzati (H/1),

— xagħri u *moorland* (F/1 or H/1),

— mixtliet tas-siġar tal-foresti kummerċjali u mixtliet oħrajn barra l-art tal-bosk (G/5).

H/3 **Art oħra (art okkupata minn bini, ġonna tad-divertiment, btieħi ta' l-irziezet, passaġġi, għadajjar, barrieri, art infertili, blat, eċċ.)**

I. Dawk il-partijiet kollha ta' l-erja totali li jappartjenu għall-impriża agrikola li ma jikkostitwixxu la art agrikola użata, la erja mhux utilizzata u lanqas art tal-bosk.

II. Din l-intestatura tkopri partikolarment:

1) żoni mhux użati direttament għall-produzzjoni tal-ħsad, iżda meħtieġa biex jitħaddem ir-razzett, bħall-art okkupata mill-bini jew toroq;

2) żoni mhux utili għall-produzzjoni agrikulturali, i.e. li jistgħu jiġu kkultivati biss b'mezzi estremi mhux normalment disponibbli f'impriża agrikulturali, per eżempju art bassasa, xagħrijiet, eċċ.

3) ġonna tad-divertiment (*parks* u *lawns*).

▼M3

I. **IL-FAQQIEGĦ, IT-TISQIJA, IŻ-ŻONI LI M'GĦADHOMX JINTUŻAW GĦAL SKOPIJIET TA' PRODUZZJONI, SUĠĠETTI GĦALL-ĦLAS TA' SUSSIDJI, U Ż-ŻONI LI HUMA SUĠĠETTI GĦAL SKEMI TA' INĊENTIVI MWARRBIN, MINGĦAJR UŻU EKONOMIKU**

▼M1

1/1 **Ħsad suċċessiv sekondarju (minbarra ħsad ta' ġonna għas-suq u ħsad taħt il-ħġieġ)**

I. Ħsad li jsegwi (jew possibilment jippreċedi) l-ħsad ewlieni u maħsud waqt it-12-il xahar ta' riferenza. L-erja tingħata għal kull wieħed mill-ħsad jekk hemm aktar minn ħsad wieħed suċċessiv (jew preċedenti).

II. L-erja taħt il-ħsad suċċessiv mhux magħdud darbtejn, i.e., l-erja hija inkluża taħt taqsimiet D sa G għall-ħsad ewlieni biss, u l-erja tal-ħsad suċċessiv ma tiġix inkluża taħt numru ieħor minbarra I/1.

Ħsad tal-ġonna għas-suq (D/14(b)), ħsad taħt il-ħġieġ (D/15, D/17) u ġonna tal-kċina (E), huma esklużi.

1/2 **Faqqiegħ**

I. Faqqiegħ ikkoltivat imkabbar fil-bini, li nbena jew ġie addattat speċjalment għat-tkabbir tal-faqqiegħ kif ukoll f'postijiet taħt l-art, għerien u kantini.

II. L-istħarriġ għandu jirreġistra l-erja attwali tal-wiċċ tat-tkabbir (sodod, basktijiet, jew uċuħ simili) li qegħdin

▼M1

jew ser jintużaw għall-inqas darba matul it-terminu ta' riferenza ta' 12-il xahar.

Jekk tintuża aktar minn darba l-erja xorta waħda tingħadd darba biss.

1/3 (a) *Erja totali irrigabbli*

I. L-erja massima li tista' tiġi rrigata fis-sena riferenti bl-użu ta' tagħmir u l-kwantità ta' ilma normalment disponibbli fuq l-impriża.

II. L-erja totali irrigabbli tista' tkun differenti mis-somma ta' l-erji forniti bit-tagħmir għall-irrigazzjoni ladarba t-tagħmir jista' jkun mobbli u għalhekk jista' jintuża fuq diversi għelieqi fil-kors ta' sena ta' ħsad; il-kapaċità tista' wkoll tiġi ristretta skond il-kwantità ta' ilma disponibbli jew skond it-terminu li fih hija possibbli l-mobilità.

1/3 (b) *Erja ta' ħsad irrigat*

I. Erja ta' ħsad li fil-fatt ġie rrigat għall-inqas darba matul it-12-il xahar qabel id-data ta' l-istħarriġ.

II. Ħsad taħt il-ħġieġ u ġonna tal-kċina li huma kważi dejjem irrigati, m'għandhomx jiġu inklużi.

Jekk jitkabbar aktar minn ħsad wieħed f'għalqa matul is-sena tal-ħsad, l-erja għandha tiġi indikata darba biss: għall-ħsad ewlieni, jekk l-irrigazzjoni ntuża għalih, jew inkella għall-ħsad sekondarju jew suċċessiv irrigat l-aktar importanti.

1/5 **Ħsad ikkombinat**

I. Koltivazzjoni simultanja ta' ħsad temporanju (ħsad li jista' jinħadem jew mergħat u *meadow*) u ħsad permanenti u/jew pjanti ta' foresti fl-istess għalqa, u f'sens aktar wiesgħa wkoll, il-kultivazzjoni simultanja ta' tipi differenti ta' ħsad permanenti jew temporanju fl-istess għalqa.

II. Din il-karatteristika tkopri l-erja totali attwalment użata għall-ħsad ikkombinat. Is-suddiviżjoni ta' l-erja totali fil-ħsad differenti hija meqjusa taħt D sa H "Erja Totali".

1/7 **Fertilizzanti naturali li joriġinaw mill-annimali (demel solidu, demel likwidu u maħlul)**

I. *Demel solidu:* eskrementi (bl-iskart jew mingħajr) ta' annimali domestiċi li possibilment jinkludi ammont żgħir ta' awrina.

Demel likwidu: awrina mill-annimali domestiċi li possibilment jinkludi ammont żgħir ta' eskrementi u/jew ilma.

Maħlul: demel likwidu, jiġifieri taħlita ta' eskrementi u awrina ta' annimali domestiċi, li possibilment jinkludi wkoll ilma u/jew ammont żgħir ta' skart.

1/7 (a) *Facilitajiet ta' ħażna*

I. Fil-każ ta' demel solidu, faċilitajiet ta' ħażna jirreferu għal ħażna fuq wiċċ impermeabbli b' kontenitur li jħalli l-ilma jimxi, b'saqaf jew mingħajr.

Fil-każ ta' demel likwidu u maħlul, il-faċilitajiet ta' ħażna jirreferu għal tank li ma jħallix l-ilma jidħol, miftuħ jew mgħotti, jew għal laguna infurrata.

II. Facilitajiet ta' ħażna li ma jintużawx fit-terminu ta' riferenza ta' 12-il xahar mhumiex reġistrati.

▼M1

	1/7 (b)	*Kapaċità tal-ħażna*
	I.	In-numru ta' xhur li l-faċilità ta' ħażna tista' żżomm id-demel prodott fuq l-impriża mingħajr riskju ta' ċarċir, u mingħajr żvujtar okkażjonali.

▼M3

	1/8	***Iż-żoni li m'għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni, suġġetti għall-ħlas ta' sussidji, u ż-żona suġġetta għal skemi ta' inċentivi mwarrbin, maqsumin billi*:**
		(a) *Iż-żoni li m'għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni, suġġetti għall-ħlas ta' sussidji (dokumentati diġà taħt D/22 u F/3)*
		(b) iż-żoni użati għall-produzzjoni ta' materja prima agrikola għal skopijiet mhux ta' ikel (eż. il-lift, issiġar, il-*bushes* eċċ. li jinkludu l-għads, il-qamħirrun u l-ġulbiena; dokumentati diġà taħt D u G)

▼M1

		(ċ) erji kkonvertiti f'mergħat u meadow permanenti (diġà rreġistrati taħt F/1 u F/2);
		(d) art li qabel kienu agrikulturali kkonvertiti f'erji ta' bosk jew ippreparati għall-afforestazzjoni (diġà rreġistrati taħt H/2);
		(e) erji oħrajn (diġà rreġistrati taħt H/1 and H/3).

▼M3

	I.	Iż-żoni li m'għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni għal liema l-proprjetà hija intitolata għall-għajnuna finanzjarja. Din tinkludi ż-żoni li, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 (jew, fejn applikabbli, l-iktar leġiżlazzjoni riċenti), m'għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni, huma miżmuma f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, u huma eliġibbli għal ħlas waħdieni jew għall-ħlas ta' jeddijiet imwarrba. Jekk hemm skemi nazzjonali simili, dawn iż-żoni huma inklużi wkoll taħt din il-karatteristika.

▼M1

	II.	Huma inklużi biss dawk l-erji li għalihom l-impriża hija intitolata għall-għajnuna finanzjarja relatata mas-sena riferenti ta' l-istħarriġ. Erji ntitolati għal għajnuna finanzjarja relatata ma' skemi simili bbażati fuq leġislazzjoni aktar antika huma inklużi hawn ukoll.
	1/9 (a)	*Ħsad mgħotti fix-xitwa*
	I.	Pjanti miżrugħa espressament in vista tal-kontribut potenzjali tagħhom għat-tnaqqis tat-telf ta' nutrijenti minħabba ċarċir fl-arja, ilma tal-wiċċ jew ilma ta' l-art matul ix-xitwa jew termini oħrajn meta l-art tkun għerja jew mod ieħor suxxettibli għal telf. L-interess ekonomiku ta' dan il-ħsad huwa baxx, u l-għan ewlieni huwa l-ħarsien tal-ħamrija.
	II.	Art agrikola mingħajr għata għall-pjanti jew fejn hemm biss residwi tal-pjanti fil-quċċata hija speċjalment vulnerabbli għal ċarċir ta' nutrienti. Dan intqies minn kemm il-biedja kif ukoll il-leġiżlatura/amministrazzjoni. Fi sforzi biex jitnaqqas it-telf, li huwa ta' ħsara kemm għall-ambjent kif ukoll għall-ekonomija, waħda millgħodda l-aktar effiċjenti hija li l-art tinżamm mgħottija bil-pjanti f' kull ħin. F'xi Stati Membri r-rekwiżiti li jew ikun hemm ħsad tax-xitwa jew bħal qamħ tax-xitwa jew ħsad taħt kanupew kif definiti hawn fuq xi perċentwal ta' l-art li tista' tinħadem huma inklużi fil-leġislazzjoni jew huma parti ta' l-iskemi agri-ambjentali li l-biedja jistgħu jikkonformaw magħhom.

▼M1

	Dan il-ħsad m'għandux jitħallat ma' ħsad tax-xitwa aħdar normali, bħal qamħ tax-xitwa li għandu jinħasad jew art miksija bil-ħaxix, iżda huwa ħsad miżrugħ fil-ħarifa bl-iskop uniku li jintnaqqas iċ-ċarċir tan-nutrienti. Normalment jinħartu matul ir-rebbiegħa qabel ma jinżara' ħsad ieħor u ma jinħasdux u lanqas jintużaw biex jirgħu.
J.	**ANNIMALI ĦAJJIN (dak in-nhar ta' l-istħarriġ)**
J/1 sa 19	**Annimali Ħajjin**
I.	Numru ta' annimali ta' produzzjoni li fil-jum ta' l-istħarriġ huma fil-pussess dirett jew il-ġestjoni ta' l-impriża. L-annimali mhumiex neċessarjament il-proprjetà tal-pussessur. Dawn l-annimali jistgħu jkunu fuq l-impriża (fuq erji utilizzati jew f'bini użat mill-impriża) jew barra mill-impriża (fuq mergħat komunali jew fil-kors ta' migrazzjoni, eċċ.)
II.	Annimali domestiċi u oħrajn minbarra ż-żwiemel, mhux użati fil-produzzjoni jew għal attivitajiet li jiġġeneraw id-dħul, e.ż. użati biss għall-pjaċir tal-familja tal-pussessur stess mhumiex inklużi (ħlief iż-żwiemel). Annimali fil-mergħat fuq l-impriża iżda li jappartjenu għal impriża oħra (mhux agrikulturali) (e.g. Miħna tal-għalf, biċċerija) huma inklużi. Merħliet migranti, li ma jappartjenux għal impriżi li jużaw erji agrikoli jitqiesu bħala impriżi indipendenti Dawn li ġejjin huma esklużi: — annimali fit-tranżitu (e.g. annimali femminili li ser jittieħdu għas-servizz), — annimali li jirgħu fuq impriża oħra.
J/l	**Ekwini**
I.	Annimali domestiċi tal-familja Equus
II.	Żwiemel ta' l-irkib, tat-tiġrija u użati biss għall-pjaċir tal-familja tal-pussessur stess huma inklużi.
J/2 to 8	**Annimali bovini**
I.	Annimali domestiċi tal-ispeċje *Bos taums* u *Bubalus bubalus*.
II.	Huma inklużi tipi oħrajn ta' bufli.
J/2	**Annimali bovini taħt sena, maskili u femminili**
J/3	**Annimali bovini maskili ta' sena iżda inqas minn sentejn**
J/4	**Annimali bovini femminili ta' sena iżda inqas minn sentejn**
II.	Annimali bovini femminili, li diġà welldu, huma esklużi U/7 u J/8)
J/5	**Annimali bovini maskili ta' sentejn u aktar**
J/6	**Baqar ħobbli, ta' sentejn u aktar**
I.	Annimali bovini femminili, ta' sentejn u aktar, li għadhom ma welldux
II.	Annimali bovini femminili, ta' sentejn u aktar, li għadhom ma welldux, huma inklużi hawn ukoll jekk qegħdin iwelldu dak in-nhar ta' l-istħarriġ.
J/7 and J/8	**Baqar tal-ħalib, baqar oħrajn**
I.	Baqar: Annimali bovini femminili, li diġà welldu (inklużi dawk ta' inqas minn sena).

▼M1

J/7	**Baqar tal-ħalib**
I.	Baqar li minħabba r-razza jew il-kwalitajiet partikolari jinżammu esklussivament jew prinċipalment għall-produzzjoni tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem jew għall-proċessar f'prodotti tal-ħalib. Dawn jinkludu annimali mneħħija (imneħħija mill-produzzjoni) baqar tal-ħalib (kemm jekk imħaxxnin bejn l-aħħar taħlib u l-qatla tagħhom jew le).
J/8	**Baqar oħrajn**
I.	1) Baqar li minħabba r-razza jew il-kwalitajiet partikolari jinżammu esklussivament jew prinċipal-ment għall-produzzjoni tal-frieħ u li l-ħalib tagħhom mhux maħsub għall-konsum mill-bniedem jew għall-proċessar f'prodotti tal-ħalib. 2) Baqar draught
II.	Baqar oħrajn imneħħija mill-produzzjoni (kemm jekk imħaxxnin qabel il-qatla jew le) huma inklużi.
J/9	**Ngħaġ (l-etajiet kollha)**
I.	Annimali domestiċi ta' l-ispeċi Ovis.
J/9 (a)	*Ngħaġ: femminili li jrabbu*
I.	Ngħaġ femminili li welldu.
II.	Jinkludu: — ngħaġ u ħrief ngħaġ għat-trobbija, — ngħaġ imneħħija mill-produzzjoni.
J/9 (b)	*Ngħaġ ieħor*
I.	I L-oħrajn kollha minbarra femminili li jrabbu
J/10	**Mogħoż (l-etajiet kollha)**
I.	Annimali domestiċi ta' l-ispeċi Capra.
J/10 (a)	*Mogħoż: femminili li jrabbu*
I.	Mogħoż femminili li welldu.
II.	Jinkludu: — Mogħoż u ħrief mogħoż għat-trobbija, — Mogħoż imneħħija mill-produzzjoni.
J/10 (b)	*Mogħoż oħrajn*
I.	Mogħoż oħrajn kollha minbarra femminili li jrabbu.
J/11 sa J/13	**Ħnieżer**
I.	Annimali domestiċi ta' l-ispeċi Sus scrofa.
J/11	**Ħnieżer żgħar bil-piż meta ħajjin ta' taħt 20 kilogramma**
J/12	**Ħnieżer femminili li jrabbu ta' piż ta' 50 kilogramma jew aktar**
I.	Ħnieżer femminili maħsuba għat-trobbija, kemm jekk welldu jew le.
II.	Ħnieżer femminili mwarrbin mill-produzzjoni huma esklużi
J/13	**Ħnieżer oħrajn**
I.	Ħnieżer bil-piż meta ħajjin minn 20 kilogramma sa inqas minn 50 kilogramma, ħnieżer li jissemmnu inklużi ħnieżer maskili u femminili mwarrba mill-produzzjoni ta' piż meta ħajjin ta' 50 kilogramma u aktar (kemm jekk issemmnu qabel il-qatla jew le) u ħnieżer maskili għat-trobbija ta' piż meta ħajjin ta' 50 kilogramma u aktar.

▼M1

J/14 to 16	**Tajr**
J/14	**Kappuċċelli**
I.	Annimali domestiċi ta' l-ispeċi *Gallus domesticus* li jinżammu għall-produzzjoni tal-laħam.
II.	Tiġieġ li bdew ibidu iżda ma ħarrfux, tiġieġ li jbidu u li jbidu iżda huma mwarrba huma esklużi
J/15	**Tiġieġ li jbidu**
I.	Annimali domestiċi ta' l-ispeċi *Gallus domesticus* li jinżammu għall-produzzjoni tal-bajd.
II.	Tiġieġ li bdew ibidu iżda ma' ħarrfux li għadhom qed jikbru sal-punt fejn ibidu u tiġieġ imwarrba huma inklużi. It-tiġieġ kollha li bdew ibidu huma inklużi, kemm jekk il-bajd huwa għall-konsum kif ukoll jekk huwa għat-trobbija. Sriedaq għat-trobbija għal tiġieġ li jbidu huma inklużi.
J/16	**Tajr ieħor**
I.	Tajr mhux imsemmi taħt J/14 jew J/15.
J/16 (a)	*Dundjan*
I.	Annimali domestiċi ta' l-ispeċi *Meleagris*.
J/16 (b)	*Papri*
I.	Annimali domestiċi ta' l-ispeċi *Anas*.
II.	Papri għal "foie gras" huma inklużi hawn.
J/16 (c)	*Wiżż*
I.	Annimali domestiċi tal-ispeċje *Anser anser dom.*
II.	Wiżż għal "foie gras" huma inklużi hawn.
J/16 (d)	*Tajr ieħor, mhux imsemmi band' oħra*
II.	Dawn jistgħu jkunu e.ż. summien (*Coturnix*), faġani (*Phasianus*), tajr tal-guinea (*Numida meleagris dom*)., ħamiem (*Colombinae*), nagħam (*Struthio camelus*). Annimali mrobbija fil-magħluq għall-iskopijiet tal-kaċċa u mhux għall-produzzjoni tal-laħam mhumiex inklużi hawn.
J/17	**Fniek: femminili għat-trobbija**
I.	Fniek femminili (ta' l-ispeċje *Oryctolagus*) għall-produzzjoni tal-fniek għat-tismin u li welldu.
J/18	**Żunżan**
I.	Numru ta' doqqajs okkupati miż-żunżan (*Apis mellifera*) miżmuma għall-produzzjoni tal-għasel.
II.	Kull kolonja (miġemgħa) ta' żunżan titqies bħala doqqajs wieħed, mingħajr riferenza għan-natura jew it-tip ta' doqqajs.
J/19	**Annimali ħajjin mhux imsemmija mkien ieħor**
I.	Annimali ħajjin użati għall-produzzjoni ta' prodotti agrikulturali msemmija fl-Anness 11, taqsima A, minbarra l-prodotti msemmija fl-Anness 11, taqsima B.
K.	**GAFEF, KULTIVATURI, MAKKINARJU U TAGĦMIR**
	Użu tal-makkinarju
I.	Makkinarju użat mill-impriża agrikola matul it-12-il xahar qabel il-jum ta' l-istħarriġ.

▼M1

	Appartenenti għall-impriża
I.	Vetturi bil-mutur, makkinarju u pjanti li huma l-proprjetà unika ta' l-impriża agrikulturali fil-jum ta' l-istħarriġ.
II.	Vetturi bil-mutur, makkinarju u pjanti li ssellfu lil impriżi agrikulturali oħrajn fuq bażi temporanja, huma inklużi.
	Użati minn impriżi diversi
1.	*Appartenenti għal impriża oħra*
I.	Vetturi bil-mutur, makkinarju u pjanti li huma l-proprjetà ta' impriża agrikola u użati mill-impriża mistħarrġa (e.ż. taħt arranġamenti ta' għajnuna reċiproka jew b'kera minn sindikat ta' kerrejja ta' makkinarju).
2.	*Appartenenti għal koperattiva*
I.	Vetturi bil-mutur, makkinarju u pjanti li huma l-proprjetà ta' assoċjazzjonijiet koperattivi u użati mill-impriża mistħarrġa.
3.	*Proprjeta' konġunta*
I.	Vetturi bil-mutur, makkinarju u pjanti li huma l-proprjetà konġunta ta' żewġ impriżi agrikoli jew aktar jew li jappartjenu għal grupp makkinarju.
	Appartenenti għal aġenzija li tipprovdi servizzi
I.	Vetturi bil-mutur, makkinarju u pjanti li huma l-proprjetà ta' aġenzija li tipprovdi servizzi agrikoli
II.	Aġenziji li jipprovdu s-servizzi huma impriżi li jwettqu taħt kuntratt, bl-użu ta' vetturi bil-mutur, eċċ, servizzi fuq impriżi agrikoli. Din tista' tkun l-attività ewlenija ta' l-impriża jew waħda sekondarja (e.ż. għal impriżi li l-attività ewlenija tagħhom hija fil-bejgħ jew tiswija ta' makkinarju agrikolu, negozjar jew proċessar ta' prodotti agrikoli, fil-biedja, jew għal awtorità lokali għall-konservazzjoni tan-natura.
K/1	**Gafef b'erba' roti, gafef li jagħmlu t-toroq u ġarrejja tal-għodda**
I.	Il-gafef kollha b' għall-inqas żewġ fies użati mill-impriża agrikola u l-vetturi bil-mutur l-oħra kollha użati bħala gafef agrikoli. Din l-intestatura tinkludi vetturi speċjali bħal "*Jeeps*", "*Unimogs*", eċċ. Użati bħala gafef agrikoli. Iżda, vetturi bil-mutur użati fit-12-il xahar mistħarrġa esklussivament għall-foresterija, sajd, kostruzzjoni ta' gandotti u toroq u xogħol ieħor ta' skavazzjoni huma eskluži.
K/2	**Kultivaturi, makni ta' l-għażiq, mgħażqiet li jduru u mowers bil-mutur**
I.	Vetturi bil-mutur użati fl-agrikoltura, ortikultura u vitikultura b' fus wieħed jew makni simili mingħajr fus.
II.	Makni użati biss għall-*parks* u *lawns* huma eskluži.
K/3	**Ħassada combine**
I.	Makkinarju li jimxi waħdu, miġbuda minn jew fuq gafef, għall-ħsad u tqattigħ ta' ċereali (inkluż ross u maiż tal-qamħ), pulses u żerriegħa taż-żejt, żerriegħ ta' legumi u ħxejjex, eċċ.
II.	Makni speċjalizzati għall-ħsad tal-piżelli mhumiex inklużi.
K/9	**Ħassada oħrajn mekkanizzati totalment**
I.	Makkinarju minbarra ħassada *combine* (K/3), li jimxu weħidhom, miġbuda minn jew fuq gafef, għall-ħsad

▼M1

kontinwu għal *beet* taz-zokkor, patata jew ħsad ta' għalf.

II. Ħsad ta' prodott jista' jsir f'operazzjoni waħda jew aktar (e.ż. fejn diversi makni b'funzjonijiet differenti jintużaw f'sekwenza kontinwa, f'tali każ il-makni varji jingħaddu bħala makna weħidha).

K/10 **Tagħmir ta' irrigazzjoni**

I. It-tipi kollha ta' tagħmir użati għall-irrigazzjoni, mingħajr rigward għal jekk l-ilma jinżel fuq il-ħsad bħala xita jew jingħata fil-gandotti jew kanen ma' l-art.

II. Tagħmir użat esklussivament fil-ġonna tas-suq jew serer huwa eskluż, iżda tagħmir użat biex jitkabbar ħaxix ta' l-għalqa huwa inkluż.

K/10 (a) *Tagħmir ta' irrigazzjoni mobbli*

I. It-tagħmir kollu użat għall-irrigazzjoni li jista' jiċċaqlaq minn għalqa għal oħra matul l-istess żmien tat-tkabbir.

K/10 (b) *Tagħmir ta' irrigazzjoni fiss*

I. It-tagħmir kollu użat għall-irrigazzjoni li huwa wieqaf jew li ma jistax jiċċaqlaq matul l-istaġunijiet tat-tkabbir.

L. **IL-FORZA TA' ĦIDMA TAR-RAZZETT**

L-informazzjoni statistika dwar forza ta' ħidma fir-razzett tinġabar b' tali mod li jkun possibbli li jiġu komposti tabelli fejn l-informazzjoni (e.ż. dwar eta' u ħin tax-xogħol) mill-kategoriji u l-klassijiet differenti tal-forza ta' ħidma fuq ir-razzett jinqasmu ma' xulxin u/jew ma karatteristiċi oħrajn ta' l-istħarriġ. Dan ifisser li kull persuna li tagħmel xogħol ta' biedja fuq l-impriżi għandha tiġi kklassifikata skond il-klassijiet oħrajn kollha meħtieġa għall-kategorija.

L-informazzjoni tinġabar darba biss għal kull persuna, e.g., jekk persuna għandha rwoli diversi fuq l-impriżi, per eżempju żewġ il-pussessur li fl-istess ħin hija ġestitur, l-informazzjoni fuq din il-persuna m' għandhiex tingħadd darbtejn. L-informazzjoni għandha tinġabar fl-istess ordni bħall-kategoriji, e.g., l-ewwel ir-rwol bħala pussessur, imbagħ bħala ġestitur, imbagħad bħala żewġ, imbagħad bħala membru ieħor tal-familja.

Impriżi grupp (ara B1(b)) jitqiesu li m' għandhomx forza ta' ħidma ta' familja. Bħala konsegwenza, għall-impriżi grupp l-informazzjoni dwar "żewġ" (normalment L/2) u "membri oħrajn tal-familja" (normalment L/3(a) u L/3(b)) huma attribwiti għal L/4.

Fil-każ ta' impriżi fejn il-pussessur hija persuna legali it-taqsimiet "pussessur" (L/1), "żewġ" (L/2) u "membri oħrajn tal-familja" (L/3(a) u L/3(b)) ma jimtlewx. Il-ġestitur huwa rreġistrat taħt L/1(a) u meqjus li mhuwiex ħidma tal-familja. Jekk żewġ il-ġestitur jew il-membri tal-familja tiegħu/tagħha jaħdmu regolarment fuq l-impriża, jiġu rreġistrati taħt L/4 u, jekk ma jaħdmux regolarment, taħt L/5 u 6.

L/1 sa L/6 **Forza ta' ħidma fuq ir-razett fuq l-impriża**

I. Il-persuni kollha li kkompletaw l-edukazzjoni obbligatorja (li laħqu l-età fejn jitilqu mill-iskola) li għamlu xogħol ta' biedja fuq l-impriża mistħarrġa matul it-12-il xahar sa jum l-istħarriġ.

Dawn jiġu rreġistrati fl-istħarriġ, iżda ma jingħaddux fil-"Forza ta' ħidma tar-razzett totali":

— pussessuri uniċi li ma jagħmlux xogħol ta' biedja fuq l-impriża

▼M1

— miżżewġin ta' ġestituri uniċi li ma jagħmlux xogħol ta' biedja fuq l-impriża.

Imsieħba ta' impriża grupp li ma jieħdux sehem fix-xogħol ta' biedja fuq l-impriża huma esklużi mill-istħarriġ.

Il-perjodu ta' osservazzjoni jista' jkun inqas minn 12-il xahar jekk l-informazzjoni mogħtija hija fuq bażi ta' 12-il xahar.

Il-persuni kollha ta' età li jirtiraw li jkomplu jaħdmu fl-impriża hum inklużi fil-forza ta' ħidma tal- biedja.

Età meta tispiċċa l-edukazzjoni obbligatorja fl-Istati Membri

Belġju	18-il sena
Italja	16-il sena
Danimarka	16-il sena
Lussemburgu	15-il sena
Ġermanja	15 jew 16 -il sena
Olanda	16 -il sena
Greċja	15 -il sena
Awstrija	15 -il sena
Spanja	16 -il sena
Portugall	15 -il sena
Franza	16 -il sena
Finlandja	16 -il sena
Irlanda 15	-il sena
Svezja 16	-il sena
Renju Unit	16-il sena

▼A1

Ir-Repubblika Ċeka	15-il sena
L-Estonja	17-il sena
Ċipru	15-ilsena
Il-Latvja	18-il sena
Il-Litwanja	16-il sena
L-Ungerija	16-il sena
Malta	16-il sena
Il-Polonja	18-il sena
Is-Slovenja	15-il sena
Is-Slovakkja	16-il sena

▼M4

Bulgaria	16 years
Romania	15 years

▼M1

Il-Belġju, il-Ġermanja u l-Olanda għandhom sistema ta' ekukazzjoni temp-sħiħ obbligatorja sa ċerta età u edukazzjoni temp-parzjali obbligatorja (is-soltu bħala apprendist) għal sentejn jew tlieta oħra. Il-Ġermanja għandha regoli differenti f'Länder differenti.

▼M1

Nota:dawn l-etajiet m'għandhomx jiġu interpretati b'mod strett ħafna, għax diversi Stati Membri ma jippreskrivux attwalment eta' ta' tmiem imma numru ta' snin ta' skola li l-persuna għandha tkun segwiet. Bħala riżultat ta' dan, xi ħadd li beda f'età mhux konvenzjonali jkollu wkoll il-possibilità li jispiċċa f'età mhux konvenzjonali.

Ħaddmiea fuq l-impriża iżda impjegati minn terzi parti jew taħt arranġamenti ta' għajnuna reċiproka (e.ż., ħidma ta' kuntratturi jew koperativi agrikulturali) mhumiex inklużi.

L/1 to L/6 **Ħidma fir-razzett**

I. Kull tip ta' ħidma fuq l-impriża mistħarrġa li tikkontribwixxi għall-produzzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness II u għall-mantenuzzjoni tal-kapaċità ta' dawn il-prodotti jew għal attivitajiet direttament derivati minn dawn l-azzjonijiet produttivi.

II. "Xogħol li jikkontribwixxi għall-produzzjoni" jinkludi, inter alia, dawn il-funzjonijiet:

— organizzazzjoni u ġestjoni (xiri u bejgħ, rendikonti, eċċ.),

— xogħol fl-għelieqi (taħrit, għemil tat-tiben, ħsad, eċċ.),

— trobbija ta' annimali (preparazzjoni u distribuzzjoni ta' għalf, ħallib, kura ta' l-annimali, eċċ.),

— ix-xogħol kollu mwettaq fuq l-impriża dwar ħażna, proċessar u preparazzjoni tas-suq ta' prodotti agrikoli primarji (ħżin, ippakkjar, eċċ.),

— xogħol ta' mantenuzzjoni (fuq bini, makkinarju, istallazzjonijiet, eċċ.),

— trasport ta' l-impriża proprja, sa fejn dawn jitwettqu mill-forza ta' ħaddiema ta' l-impriża stess,

— attivitajiet sekondarji kollha mhux agrikoli u mhux separabbli. Dawn huma attivitajiet relatati qrib mal-produzzjoni agrikoli, li ma jistgħux jinfirdu mill-attività agrikola ewlenija (e.ż., għemil tal-butir).

Eskluži minn "xogħol ta' biedja fuq l-impriża" huma:

— xogħol għad-dar privata tal-pussessur/seħbin jew il-ġestitur(i) u l-familji tagħhom,

— foresterija, kaċċa, sajd jew operazzjoni ta' pixkeriji (kemm jekk isseħħ fuq l-impriża jew le).

— Ammont limitat ta' dan ix-xogħol imwettaq minn ħaddiem agrikolu, pero', mhuwiex eskluż jekk huwa impossibbli li jitkejjel separatament,

— attivitajiet sekondarji kollha mhux agrikoli separabbli (forsi l-proċessar ta' prodotti agrikoli fuq l-impriża),

— kwalunkwe attività mhux agrikola mwettqa,attivitajiet oħrajn ta' qliegħ (ara L/7 sa L/9 "Attivitajiet oħra ta' qliegħ" u taqsima M/1) imwettqa mill-pussessur u/jew il-forza tal-ħaddiema.

L/1 sa L/6 **Il-ħin maħdum fuq l-impriża**

I. Il-ħin ta' xogħol attwalment devot għal xogħol ta' biedja fuq l-impriża minbarra xogħol fid-djar tal-pussessur jew il-ġestitur.

II. "Full-time" tfisser l-inqas sigħat mitluba mid-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar kuntratti ta' impieg. Jekk dawn ma jindikawx in-numru ta' sigħat annwali, allura 1 800 siegħa jittieħdu bħala l-figura minima (225 jum ta' xogħol ta' tmien sigħat kuljum).

▼M1

L/1 u L/1 (a)	*Pussessur u ġestiturta' l-impriża:dawn huma definit taħt B/1 u B/2*
II.	Kull informazzjoni rikjesta hija miġbura għall-persuna naturali li taġixxi bħala pussessur (L/1) jew ġestitur tal-impriża (L/1(a)). Jekk l-impriża hija impriża grupp, id-data hija rrekordjata għall-persuna kkunsidrata bħala l-pussessur (ara B/1/(b)). Data biss dwar persuni naturali għandha tinġabar. Dan ifisser li jekk il-pussessur huwa persuna legali, id-data għandha tinġabar biss għall-ġestitur.
L/2	**Ir-raġel jew mart il-pussessur**
II.	Id-data tinġabar għar-raġel jew il-mara ta' pussessuri uniċi, inklużi dawk li ma jaħdmux fl-impriża. Fejn ir-raġel/mara huwa/hija sieħeb/ba f'impriża grupp huwa/-hija jitniżżel/titniżżel taħt L/4. Jekk ir-raġel jew mara huwa/hija l-manager ta'ażjenda hu jew hi jitniżżel/tit-niżżel taħt L/1a).
L/3	**Membri oħra tal-familja tal-pussessur**
I.	Membri oħra tal-familja ta' pussessur uniku, apparti miż-żwieg, li jaħdmu fir-razzett fuq l-impriża, iżda li mhux neċessarjament jgħixu fl-impriża.
II.	"Membri tal-familja tal-pussessur" ġeneralment ifissru l-miżżewweġ/ġa, qraba fil-linja axxendenti jew dixxen-denti (inklużi dawk biż-żwieg u bl-adozzjoni) u ħut u oħt il-pussessur jew żewġu/żewġha (Ara B/2(a)). Mhux rilevanti jekk tali persuni jirċevux paga jew le jew jekk jaħdmux regolarment jew le. Fejn membru tal-familja tal-pussessur huwa il-ġestitur ta' l-impriża huwa jew hija għandhom jitniżżlu taħt L/1(a) iżda taħt L/4 jekk huwa/hija sieħeb f'impriża grupp.
L/4 sa L/6	**Forza tal-ħaddiema li mhumiex membri tal-familja**
I.	Il-persuni kollha li jaħdmu fir-razzett u mħallsa mill-impriża agrikulturali minbarra l-pussessur u il-membri tal-famlja tiegħu.
II.	Msieħba oħra f'impriżi grupp minbarra dak ikkunsidrat pussessur (ara B/1(b)), l-irġiel u n-nisa kollha ta' l-mseħbin f'impriżi grupp, li jagħmlu xogħol fir-razzett ta' l-impriża, huma inklużi hawn. Huma ttrattati bħala xogħol barra l-familja, iżda huwa irrilevanti jekk dawn il-persuni jirċevux paga jew le.
L/4	**Forza tal-ħaddiema, li mhumiex membri tal-familja, impjeġatji regolarment**
I.	Forza tal-ħaddiema impjeġata regolarment Persuni li ħadmu fir-razzett kull ġimgħa fl-impriża mistħarrġa matul it-tnax-il xahar qabel l-istħarriġ, irrispettivament mit-tul tal-ġimgħa tax-xogħol. Persuni li ħadmu regolarment għal parti minn dak il-perijodu, iżda li ma setgħux għal kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet jaħdmu għall-perjodu ntier huma inklużi wkoll: 1) Kondizzjonijiet speċjali ta' produzzjoni fl-impriża; 2) nuqqas għal raġunijiet ta' vakanzi, servizz militari, mard, inċident jew mewt; 3) bidu jew tmiem l-impjieg mal-impriża; 4) waqfien totali tax-xogħol fl-impriża minħabba kawżi aċċidentali (għarar, nar, eċċ.).
II.	Impriżi b'kondizzjonijiet speċjali (punt 1) jinkludu, per eżempju, impriżi li jispeċjalizzaw fit-tkabbir ta' żebbuġ jew għeneb jew frott u ħaxix fil-miftuħ jew għat-tismin

▼M1

ta' bhejjem bil-ħaxix u li jirrikjedu xogħol għal numru limitat ta'xhur.

Punti 3 ukoll ikopri ħaddiema li jieqfu mix-xogħol f'razzett biex jibdew jaħdmu f'razett ieħor matul it-tnax-il xahar qabel il-jum ta' l-istħarriġ.

Ħaddiema staġjunali ta' terminu qasir, e.ż. xogħol ingaġġat biss għall-ġbir ta' frott u ħxejjex, humiex inklużi hawn iżda taħt L/5 u L/6 fejn jitniżżel in-numru ta' jiem maħduma.

L/5 u L/6 **Forza tal-ħaddiema, li mhumiex membri tal-familja, mhux impjegati regolarment**

I. "Mhux impjeġatji regolarment": ħaddiema li ma ħadmux kull ġimgħa fl-impriża agrikulturali fit-12 -il xahar qabel il-ġurnata ta' l-istħarriġ għal raġuni apparti minn dak elenkati taħt L/4.

L/5 u L/6 **Numru ta' ġranet tax-xogħol maħduma minn forza ta' ħaddiema mhux tal-familja mhux regolari**

I. Kull ġurnata ta' tali tul li l-ħaddiem huwa mħallas paga ta' xogħol għal-ġurnata sħiħa, li matulha isir xogħol tat-tip li normalment jsir minn ħaddiem agrikulturali ta' terminu-sħiħ. Ġranet ta' vakanzi u mard ma jgħoddux bħala ġranet tax-xogħol.

II. Ġurnata sħiħa tax-xogħol hija l-ġurnata regolari tax-xogħol ta' ħaddiema regolari mpjegati fuq bażi terminu-sħiħ. Il-ħin tax-xogħol tal-forza ta' ħaddiema mux regolari hija mibdual f'ġranet sħaħ tax-xogħol, anke jekk jekk il-kuntratt ta' inġaġġ jistipula li l-ġranet tax-xogħol huma itwal jew iqsar minn ta' ħaddiema regolari.

L/7 to L/9 **Attività oħra ta' qligħ**

I. Kwalunkwe attività oħra oltre attività relatata ma' xogħol tar-razzett kif definit taħt L, li ssir għall-qligħ (salarju, paga, profitti jew pagament ieħor, inkluż pagament bi prodotti, skond is-servizz mogħti).

II. Dan jinkludi attivatijiet għall-qligħ mhux agrikulturali li jsiru fl'impriż nnifisha (siti ta' l-ikkampjar,alloġġ għal turisti, eċċ.) jew f'impriża oħra agrikulturali kif ukoll attivitajiet f'intrapriża mhux agrikulturali. Hidma ta' razzett li ssir f'impriż oħra agrikulturali hija inkluża.

Attivatijiet għall-qligħ sekondarji mhux separabbli u mhux agrikulturali fl-impriża huma esklużi.

L/7: id-data tinġabar għal dawk il-pussessuri lu huma anke ġestituri.

L/8: id-data tinġabar biss għal impriżi fejn il-pussessur huwa pussessur uniku għall-miżżewġin kollha (anke għal dawk li ma jkunux qed jieħdu parti fix-xogħol tar-razzett fl-impriża).

L/9: id-data tinġabar biss għal impriżi fejn il-pussessur huwa pussessur uniku.

Fejn il-pussessur huwa persuna legali, ma tinġabarx informazzjoni dwar ġestituri.

Impjieg ewlieniI. Attività dikjarata mir-respondent li hija l-attività tiegħu prinċipali.

II. Normalment attività li tieħu aktar żmien minn dik relatata ma' xogħol tar-razzett li jsir għall-impriża taħt stħarriġ. Jekk ir-respondent attwalment mhux jaħdem fl-impriża, kwalunke attività ta' qligħ kif deskritta hawn fuq tkun tiġi kkunsidrata bħala impjieg ewlieni.

▼M1

Impjieg sussidjarjuI.	Kwalunkwe attività oħra ta' respondent li jiddikjara l-attività agrikola ta' l-impriża taħt stħarriġ bħala l-attività tiegħu prinċipali.
II.	Normalment attività li tieħu anqas żmien minn dik relatata max-xogħol tar-razzett magħmul għall-impriża agrikola taħt stħarriġ.
L/10	**Ġranet tax-xogħol tar-razzett ekwilaventi ta' terminu-sħiħ mhux inklużi taħt L/1 sa L/6, magħmula fl-impriża minn persuni mhux impjegati direttament mill-impriża (e.ż. impjegati ta' kuntratturi).**
I.	Kwalunkwe tip ta' xogħol tar-razzett (ara noti taħt L/1 sa L/6 "Xogħol tar-razzett") magħmula fl-impriża minn persuni li mhumiex impjegati direttament fl-impriża, iżda li huma ħaddiema għal rashom jew impjegati minn terzi partijiet e.g. kuntratturi jew koperattivi. In-numru ta' siegħat iridu jiġu maqluba fin-numru ekwivalenti ta ġranet jew ġimgħat fuq bażi terminu-sħih.
II.	Ġranet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu fl-impriża f'isem persuna jew kumpanija oħra huma inklużi. Xogħol li jsir minn ditti ta' rendikont agrikolu u għajnuna mutwali mhux imħallsa huwa esklużż.
M.	**ŻVILUPP RURALI**
	Informazzjoni tinġabar dwar jekk il-pussessur u/jew r-raġel/mara jew membri oħra tal-familja jew sieħeb wieħed jew aktar f'impriża grupp jeżerċitawx attivatijiet bi qligħ li ma jikkromprendux xogħol tar-razzett kif spejgat taħt L/1 sa L/6 imma li huma direttament relatati ma' l-impriża u li għandhom impatt ekonomiku fuq l-impriża.
	Diversi tali attivatijiet jistgħu jsiru fl-istess impriża. Dawn għandhom jiġu inklużi wkoll.
	Attivitajiet ta' qligħ mhux separabbli fl-impriża huma esklużi
	Attivitajiet forestiera huma wkoll esklużi.
M/1	**Direttament relatati ma' l-impriża**
I.	Attivitajiet fejn jew ir-riżorsi ta' l-impriża (erja, bini, makkinarju, eċċ.) jew il-prodotti tal-impriżi jintużaw fl-attività.
II.	Jekk il-forza tal-ħaddiema esklużi membri tal-familja biss u ebda riżorsi oħra tal-impriża huma wżati,il-ħaddiema jitqiesu bħala li qed jaħdmu għal żewġ intrapriżi differenti, u dawn l-attivitajiet għalhekk ma jitqiesux li huma direttament relatati mal-impriża.
	Attivitajiet fejn relazzjonijiet diretti ma jeżistux, per eżempju ħanut fejn prodotti tal-impriża ma jinbiegħux, ma għandhomx jiġu nklużi.
M/1 (a)	*Turiżmu, alloġġ u attivatajiet oħra ta' passatemp*
I.	L-attivitajiet kollha fit-turiżmu, servizzi ta' alloġġ, it-turija ta' l-impriża lil turisti jew gruppi oħra l-isport u attivatijiet rikrejattivi, eċċ fejn jew l-erja, il-bini jew riżorsi oħra ta' l-impriża huma użati.
M/1 (b)	*Artiġjanat*
I.	Artiġjanat kemm jekk maħdum fl-impriża mill-pussesssur jew membri tal-familja tiegħu, kemm mill-forza tax-xogħol mhux tal-familja, basta li qegħdin ukoll jagħmlu xogħol tar-razzett, irrispettivament min kif jinbiegħu l-prodotti.
M/1 (c)	*Proċessar ta' prodotti tar-razzett*
I.	L-ipproċessar kollu ta' prodott primarju agrikolu għal prodott proċessat sekondarju fl-impriża, irrispettivament

▼M1

	jekk il-materja prima hija prodott ta' l-impriża jew mixtrija minn barra.
II.	Dan jinkludi, inter alia, proċesarr ta' laħam, produzzjoni ta' ġobon, produzzjoni ta' nbid, eċċ. L-iproċessar kollu ta' prodotti tar-razzett jaqgħu kollha hawnhekk, irrispettivament jekk dan huwa parti mill-agrikoltura (per eżempju produzzjoni ta' nbid f'certi reġjuni titqies bħala parti mill-proċess tal-vitikoltura, waqt li f'erjiet oħrajn titqies bħala proċess differenti). Bejgħ tal-prodotti tar-razzett dirett lill-konsumaturi huwa inkluż hawnhekk, minbarra fejn ebda proċessar tal-prodott ma hu qed isir fl-impriża (per eżempju ħalib mibjugħ direttament lill-ġirien mhux inkluż, peress li ma jsir l-ebda proċessar). Produzzjoni ta' prodotti tar-razzett għal konsum tagħhom stess biss jew il-bejgħ ta' prodotti żejda bħal dawn mhux inkluż.
M/1(d)	*Proċessar ta' injam (e.g. segar, eċċ.)*
I.	L-ipproċessar ta' injam verġni fl-impriża fis-suq, (segar ta' injam, eċċ).
II.	Aktar ipproċessar, bħal produzzjoni ta' mobbli mill-injam, ġeneralment jidher taħt M/1(b).
M/1 (e)	*Akkwakultura*
I.	Produzzjoni ta' ħut, gambli eċċ., prodotti fl-impriża.
II.	Attivitajiet li jinvolvu sajd biss huma eskluži..
M/1(f)	*Produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded (enerġija mir-riħ ħruq tat-tiben, eċċ.)*
I.	Produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded għas-suq, *inter alia*, mitħna tar-riħ jew bjogi li jipproduċu elettriku, bejgħ ta' prodotti agrikoli, tiben jew injam sa faċitilajiet għall-produzzjoni ta' enerġija.
II.	Produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded għall-użu ta' l-impriża biss mhix inkluża hawn.
M/1(g)	*Xogħol kuntrattwali (bl-użu ta' tagħmir ta' l-impriża)*
I.	Xogħol kuntrattwali, ġeneralment bl-użu tat-tagħmir ta' l-impriża ġewwa jew barra s-settur agrikolu e.ż. tneħħija ta' borra, xogħol ta' trasport ta' merkanzija, manteniment tal-pajsaġġ, servizzi agrikoli u ambjentali, eċċ.
M/1(h)	*Oħrajn*
I.	Attivitajiet ta' qligħ oħrajn mhux imsemmija band'oħra, *inter alia*, trobbija ta' annimali għall-ġilda.
N.	**ASPETTI AMBJENTALI**
N/1	**Sorsi ta' ilma għall-irrigazzjoni**
I.	Sorsi ta' ilma għall-irrigazzjoni użat fl-impriża minn fejn l-ilma kollu jew l-ikbar volum jiġi.
II.	Impriża tista' tuża waħda jew aktar sorsi ta' ilma għall-irrigazzjoni, skond kondizzjonijiet ta' temp jew prezz. Hawnhekk informazzjoni tinġabar fuq is-sors li jintuża f'sena normali jew niexfa. Jekk is-sena ta' qabel l-istħarriġ kellha kondizzjonijiet ta' temp b'xita anormali, id-data għandha tikkonċerna sena oħra.
N/1 (a)	*Ilma ta' l-art*
I.	Sorsi ta' ilma, postati fuq jew ħdejn l-impriża, li jużaw ilma ppompjat minn bjar mtaqqba jew mħaffra jew minn għejun ta' ilma tal-art naturali li jnixxu mingħajr xkiel jew simili.
II.	Dawn is-sorsi mhemmx għalfen ikunu ghal għanijiet ta' irrigazzjoni biss, imma jistgħu jintużaw għal-skopijiet oħra fl-impriża.

▼M1

N/1 (b)	*Fuq l-ilma tal-wiċċ fir-razzett (għadajjar jew ilqugħ)*
I.	Għadajjar żgħar naturali jew lqugħ artifiċjali, postati nterament ġo l-impriża jew użati biss mill-impriża.
II.	Is-sors inizjali ta' ilma jista' jkun jew ilma tax-xita jew ilma ta' l-art imġemmgħa f'ġibjuni. Jekk l-ilma ta' l-art jinġabar biss fl-ilqugħ matul l-istaġun ta' l-irrigazzjoni, huwa inkluż taħt N/1(a).
N/1 (c)	*Ilma tal-art barra r-razzett minn lag, xmajjar jew passaġġi ta' l-ilma*
I.	Ilmijiet tal-wiċċ pur (lagijiet, xmajjar, mogħdijiet tal-ilma) li mhumiex kostruwiti artifiċjalment għal għanijiet ta' irrigazzjoni.
II.	Lqugħ artifiċjali, kanalijiet jew xmajjar, anke jekk mhux kostruwiti speċifikament għal għanijiet ta'irrigazzjoni, jidhru taħt N/1(d). Ilqugħ żgħar (anqas minn 1 000 m^3) li huma magħmula biss għall-iffunzjonar tal-pompi fi xmajjar żgħar huma inklużi hawn.
N/1 (d)	*Ilma minn barra r-razzett minn xbieki ta' provvista ta' ilma komuni*
I.	Sorsi ta' ilma li ġejjin minn barra l-impriża, barra minn dawk imsemmija fi N/1(c), aċċessibbli għal mill-anqas żewġ impriżi. Miżata hija ġeneralment imposta għal aċċess għal dawn is-sorsi
II.	Il-provvista ta' ilma tista' tkun pubblika jew privata. Is-sors ta' l-ilma m'hu ta' l-ebda importanza. Ilma trasportat lejn l-impriża f'tankijiet normalment jitniżżel hawn, minbarra jekk is-sors huwa ċarament ilma tal-wiċċ kif deskritt that N/1(c).
N/1.(e/i)	Ilma desalinat jew mielaħ Ilma li joriġina minn sorsi melħin ħafna bħal l-Atlantiku jew il-Mediterran, f'liema kaz jiġi trattat
I.	biex titnaqqas il-konċentrazzjoni tal-melħ (desalinat) qabel l-użu jew minn sorsi ta' ilma mielaħ (kontenut tal-melħ baxx) sorsi ta' l-ilma bħal-Baħar Baltiku u ċerti xmajjar, f'dan il-każ huwa possibli li tużah direttament, mingħajr trattament.Mielaħ baxx (ilma mielaħ baxx) bħall Baħar Baltiku u certi xmajjar, f'liema kaz huwa possibli li jintuża direttament, mimgħajr ma jiġ proċessat.
N/1 (e/ii)	Ilma li jintuża mill-ġdid
I.	Ilma li għadda minn proċess ta' trattament ta' ilma skartat u li jiġi mwassal lill-konsumatur bħala ilma skartat reklamat.
N/2	**Metodi ta' irrigazzjoni wżati**
II.	Metodi ta' irrigazzjoni użati għal ħsad taħt il-ħġieġ jew knupew għoli jew ġonna tal-kċina mhumiex inklużi hawn.
N/2 (a)	*Irrigazzjoni tal-wiċċ (għargħar, raddiet)*
I.	It-tmexxija ta' l-ilma tul wiċċ l-art, kemm bi tfawwir bl-ilma ta' l-erja kollha kemm bit-tmexxija tal-ilma tul raddiet bejn il-fillieri tal-ħsad bl-użu tal-gravità bħala forza.
N/2 (b)	*Irrigazzjoni bi sprinklers*
I.	Irrigazzjoni tal-pjanti bit-tixrid ta' l-ilma taħt pressjoni għolja fil-forma ta' xita fuq il-ġonot ta' raba'.

▼M1

N/2 (c)	*Irrigazzjoni bil-qatra*
I.	Irrigazzjoni tal-pjanti bl-impjazzament ta' l-ilma baxx ħdejn il-pjanti qatra b'qatra jew bi mikro-sprinklers jew bil-formazzjoni ta' kondizzjonijiet ta' ċpar.
N/3	**Borduri ta' egħlieqi mhux ikkultivati jew partijiet ta' għelieqi, mantenuti mill-bidwi għal għanijiet ambjentali u li qed jirċievu għajnuna Komunitarja għal dan.**
I.	Erja ta' borduri ta' għelieqi mhux ikkultivati jew partijiet oħra ta' għelieqi li huma ġestiti mill-bidwi għal għanijiet ta' protezzjoni ambjentali fil-kwadru ta' impenji agri-ambjentali speċifiċi approvati fid-dokument programmat ta' żvilupp rurali nazzjonali jew reġjonali u li għaliha l-pussessur qed jibbenefika minn pagamenti mogħtija b'segwitu għall-provvedimenti tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999. Il-wisgħa ta' dawn l-erji tmur lil hinn mill-bżonnijiet ta' prattika tajba normali tar-razzett jew obbligazzjonijiet imfassla bi kwalunkwe legislazzjoni rilevanti dwar dan is-suġġett. Dawn l-erji jistgħu jiġu nklużi fi H/1 jew I/8 dipendenti fuq ir-regoli mfassla għall- obbligazzjonijiet.
II.	L-iskemi msemmija hawn normalment jimmiraw li jsaħħu l-biodiversità ta' l-impriża jew biex jipproteġu l-ilma ta' l-art jew tal-wiċċ. In partikolari, erji li jinħarġu minn produzzjoni agrikulturali għal żmien twil (mill-anqas 10 snin))u erji b'azzjonijiet fuq *biotopes* huma inklużi hawn. Ir-regoli għall-użu u ġestjoni ta' tali erji jvarjaw dipendenti fuq l-iskemi nazzjonali jew reġjonali, imma jistgħu jagħmluha possibli li jintużaw għal mergħa estensiva ħafna jew biex jitneħħa l-ħaxix miżrugħ. L-użu ta' kwalunkwe pestiċidi jew fertilizzanti mhuwiex normalment permess. Zoni normali bix jiġi manuvrat il-makkinarju neċessarju għaż-żriegħ u rutini oħra ta' kultivazzjoni u l-borduri ta' l-egħlieqi kemmxejn dojoq li jitqiesu bħala parti mill-prattika tajba normali tar-razzett u għalhekk huma neċessarji biex jirċievu appoġġ skond ir-Regolament (KE) Nru 1251/99 huma ttrattati bħala parti mill-ħsad imkabbar fl-għalqa, u għalhekk mhumiex inklużi hawn.”

▼B

ANNESS II

A. ***LISTA TA' PRODOTTI AGRIKOLI*** [1]

01.1		**Prodotti ta' uċuħ tar-raba', tal-ġonna, ortikultura**
01.11		**Ċereali u uċuħ oħra tar-raba'**
01.11	1	**Ċereali**
	11	Qamħ durum 11.1 Qamħ tax-xitwa 11.2 Qamħ tar-rebbiegħa
	12	Qamħ artab 12.1 Qamħ tax-xitwa 12.2 Qamħ tar-rebbiegħa
	13	Qamħirrun
	14	Ross fil-fosdqa (imħawwel jew selvaġġ)
	15	Xgħir 15.1 Xgħir tax-xitwa 15.2 Xgħir tar-rebbiegħa
	16	Siegla w ħafur 16.1 Siegla 16.11 Siegla tax-xitwa 16.12 Siegla tar-rebbiegħa 16.2 Ħafur
	17	Ċereali oħra 17.1 Sorgu 17.2 Qamħ Seraċin 17.3 Millieġ 17.4 Żerriegħa tal-kanali 17.5 Spelt 17.6 Meslin 17.7 Triticale 17.8 Oħrajn
01.11	2	**Uċuħ oħra tar-raba'**
	21	Patata 21.1 Patata ġdida 21.2 Patata oħra
	22	Legumi 22.1 Piżelli għall-konsum uman u piżelli għall-għalf 22.11 Piżelli oħra barra milli għall-għalf 22.12 Piżelli għall-għalf 22.2 Ċiċri 22.3 Fażola ħaricot għal-ikel 22.4 Għads 22.5 Fażola 22.6 Favetta 22.7 Legumi oħra 22.71 Ġulbiena 22.72 Lupina 22.73 Legumi mhux imsemmija band' oħra u taħlit ta' legumi jew taħlit ta' legumi u ċereali.
	23	Għeruq u tuberi b'kontenut ta' lamtu jew inulina 23.1 Manjoka 23.2 Patata ħelwa 23.3 Qaqoċċ 23.4 *Salep* 23.5 Għeruq u tuberi oħra

[1] Din il-lista hi stabbilità fuq l-Appendiċi lA Lista ta' attivitajiet karatteristiċi fis-settur agrikolu fil-*Manwal ta' Kontijiet ekonomiċi* għall-Agrikoltura u s-Sivikoltura (rev.l) (1977), Verżjoni bl-Ingliż.

▼B

01.11	3	**Ħxejjex li fihom iż-żejt**
	31	Fażola tas-soja
	32	Karawett
	33	Żerriegħa taż-żejt mhux tropikali
		33.1 Żerriegħa tal-kolza
		33.2 Żerriegħa tal-ġirasol
		33.3 Żerriegħa tal-ġunġlien
		33.4 Żerriegħa tal-mustarda
		33.5 Żrieragħ ta' l-għosfor
	34	Żerriegħa tal-qoton
	35	Żerriegħa ta' żejt u frott żejtni tropikali
		35.1 Kopra (ġewż ta' l-Indi)
		35.2 Żerriegħa tal-kittien
		35.3 Lewż u ġewż tal-palm
		35.4 Żerriegħa taż-żejt tar-riġnu
		35.5 Żerriegħa taż-żejt u frott żejtni tropiku ieħor
		35.51 Żerriegħa tal-peprina
		35.52 Sbea nuts (karite nuts)
		35.53 Oħrajn
01.11	4	**Tabakk nej**
	41	Tabakk, mhux imnaddaf
	42	Tabakk, imnaddaf parzjalment jew totalment
01.11	5	**Uċuħ taz-zokkor**
	51	Pitravi
	52	Kannamieli
01.11	6	**Uċuħ għall-għalf**
	61	Tiben u qxur taċ-ċereali, mhux preparati ([1])
	62	Oħrajn
		62.1 Liftija/nevew ta' l-Isvezja
		62.2 Qronfol Tork
		62.3 Għeruq ta' l-għalf u *brassica*
		62.4 Tiben
		62.5 Xnien (alfalfa)
		62.6 Silla
		62.7 Ħuxlief
		62.8 Ħaxix għall-għalf
		62.9 Lupina
		62.10 Ġulbiena u prodotti oħra ta' l-għalf (inkluż qamħirrun miġbur aħdar għall-għalf)

▼B

01.11	7	**Pjanti tal-fibri**
	71	Qoton, mhux mqardax jew mimxut
	72	Ġuta u fibri tat-tilju oħra
	73	Kittien, qanneb u pjanti tal-fibri oħra
		73.1 Kittien, nej jew mrattab
		73.2 Qanneb, nej jew mrattab
		73.3 Kokonut nej (kajjâr)
		73.4 Manilla nejja
		73.5 Pjanti tal-fibri nejja oħra
01.11	8	**Gomma naturali mhix maħduma**
	81	*Latex* tal-gomma naturali
	82	Gomma naturali f' forom oħra
01.11	9	**Uċuħ industrijali**
	91	Xtieli aromatiċi jew mediċinali
		91.1 Għeruq tas-sugu
		91.2 Għeruq tal-ġinseng
		91.3 Xtieli oħrajn aromatici jew mediċinali
	92	Żrieragħ tal-pitravi u ta' xtieli għall-għalf
		92.1 Żrieragħ tal-pitravi għaz-zokkor
		92.2 Żrieragħ ta' xtieli għall-għalf oħra
		92.21 Żerriegħa ta' xnien (*alfalfa*)
		92.22 Żerriegħa tas-silla
		92.23 Żerriegħa taż-żwien
		92.24 Ħuxlief tal-*Kentucky*
		92.25 Żerriegħa tal-ħaxix tas-segala
		92.26 Żerriegħa tal-ħaxix *Timothy*
		92.27 Żerriegħa oħra
	93	Xtieli industrijali, n.e.c..
		93.1 Koni tal-ħops frisk
		93.2 Xtieli industrijali oħra
01.12		**Legumi, speċjalitajiet tal-ortikultura u prodotti ta' l-imxietel**

▼B

01.12 1 **Ħxejjex**

11 Ħxejjex bl-għeruq
- 11.1 Basal
- 11.2 Basal ta' l-għanqud anqud tal-basal
- 11.3 Tewm
- 11.4 Kurrat
- 11.5 Ħxejjex oħra tal-ġens tat-tewm
- 11.6 Zunnerija
- 11.7 Ġdur
- 11.8 Pitravi ta' l-insalata
- 11.9 Leħjet il-bodbod
- 11.10 Krexxuni
- 11.11 Ravanelli
- 11.12 Għeruq oħra simili li jittieklu

12 Ħxejjex bi frott
- 12.1 12.1 Tadam
- 12.2 12.2 Ħjar u ħjar żgħir għall-immarinat
- 12.3 12.3 Legumi
  - 12.31 12.31 Piżelli
  - 12.32 12.32 Ful
  - 12.33 12.33 Legumi oħra
- 12.4 12.4 Bettiegħ (inkluż id-dulliegħ)

13 Ħxejjex friski oħra
- 13.1 Kaboċċi, pastard u brassiki oħra simili li jittieklu
  - 13.11 Pastard u pastard brokkoli
  - 13.12 Brussel Sprouts
  - 13.13 Oħrajn (ġidra, kaboċċi bajda, kaboċċi ħamra, kaboċċi ta' Savoja, eċċ.)
- 13.2 Ħass u ċikwejra
  - 13.21 Ħass
    - 13.211 Ħass ikkabuċċjat
    - 13.212 Ħass ieħor
  - 13.22 Ċikwejra
    - 13.221 Ċikwejra *Witloof*
    - 13.222 Ċikwejra oħra
- 13.3 Ħxejjex oħra
  - 13.31 Qaqoċċ
  - 13.32 Asparagu
  - 13.33 Brunġiel, qarabagħli, żukkini u qaraħmar
  - 13.34 Karfus, minbarra krexxuni
  - 13.35 Faqqiegħ u tartufi
    - 13.351 Faqqiegħ
    - 13.352 Tartufi
  - 13.36 Bżar (tal-ġeneru *Capsicum* jew *Pimenta)*
  - 13.37 Spinaċi, Spinaċi ta' New Zealand u spinaċi tal-muntanja
  - 13.38 Oħrajn (tursin, krexxuni, rabarbru, *corn salad*, kardi, għallis li jittiekel eċċ.)

01.12 2 **Pjanti ta' l-imxietel, pjanti ornamentali u fjuri**

21 Pjanti ta, l-imxietel, pjanti ħodor jew pjanti tal-fjuri
- 21.1 Basal, tuberi, tuberkoli, basal tal-qasab, korolli u riżomi, rieqda li qiegħdin jikbru jew iwarrdu
- 21.2 Xtieli oħra ħajja (bl-għeruq tagħhom), bil-qtugħ minnhom u bix-xniexel
  - 21.21 Biċċiet maqtugħa bla egħruq u xniexel
  - 21.22 Siġar, sġajjar u arbuxelli
  - 21.23 Rododendri uażalee
  - 21.24 Ward
  - 21.25 Oħrajn

22 Fjuri maqtugħa

23 Żerriegħa tal- fjuri jew frott

24 Xtieli u Żrieragħ ta' l-ortaġġi

▼B

01.13		**Għeneb, frott u lewż; Uċuh għall-produzzjoni ta' xorb u ħwawar**
01.13	1	**Għeneb**
	11	Għeneb tal-mejda
		11.1 Għeneb frisk
		11.2 Zbib
	12	Għeneb ta' l-inbid
01.13	2	**Frott u lewż**
	21	Frott tropikali u lewż
		21.1 Kokonut
		21.2 *Brazil nuts*
		21.3 *Cashew nuts*
		21.4 Banana
		21.5 Tamal
		21.6 Tin
		21.7 Ananas
		21.8 Avokado
		21.9 Ġwava, mango u mangostini
		21.10 Frott tropikali ieħor
	22	Frott taċ-ċitru
		22.1 Larinġ
		22.2 Mandolin (inkluż it-tenġerini u *satsumas*), klementini, *wilkings*
		22.3 Lumi u xkomp
		22.4 *Grapefruit*
		22.5 Frott ieħor taċ-ċitru
	23	Frott divers minn klima temperat
		23.1 Papajja
		23.2 Tuffieħ
		23.3 Lanġas
		23.4 Sfraġel
		23.5 Berquq
		23.6 Ċirasa
		23.7 Ħawħ (inklużi nettarini)
		23.8 Għambaqar
		23.9 Pruna selvaġġa
		23.10 Frott ieħor frisk
		23.101 Frawli
		23.102 Lampuni, tut u għeneb imnissel mis-siġar tat-tut u l-lampun
		23.103 Għeneb iswed, abjad jew aħmar u ribes
		23.104 *Cranberries(frotta żgħira ħamra qarsa)*, mirtill u frott ieħor tar-razza *Vaccinium*
		23.105 Oħrajn
		23.11 Ħarrub, inklużi żerriegħa tal-ħarrub
	24	Lewż u żebbuġ
		24.1 Żebbuġ
		24.2 Lewż
		24.3 Ġellewż
		24.4 Ġewż
		24.5 Qastan
		24.6 Pistaċċa
		24.7 Oħrajn
01.13	3	**Kafè, tè u kawkaw nejja**
	31	Kafè (mhux mixwi, jew dekaffeinat)
	32	Tè (aħdar u iswed)
	33	Mate
	34	Fażola tal-kawkaw

▼B

01.13	4	**Ħwawar**
	41	Bżar, vanilla, kannella, imsiemer tal-qronfol, noċimuskata
	42	Żerriegħa tal-aniċi, *badian*, bużbież,kosbor, ħlewwa(-kemmun) u ġniepru
	43	Ġinġer, żafran, timu, weraq tar-rand
	44	Oħrajn
01.13	5	**Inbid minn għeneb mkabbar fl-użjenda** [1]
	51	Most 52.1 Inbid ta' kwalità 52.2 Inbid tal-mejda 52.3 Oħrajn
01.13	6	**Żejt taż-żebbuġa minn żebbuġ mkabbar fl-użjenda** [1]
	61	Żejt taż-żebbuġa, verġni
	62	Żejt taż-żebbuġa, mhux irfinat
01.2		**Annimali, ħalib, sperma**
01.21		**Bovini, mrobbija għall-ħalib**
01.21	1	**Bovini**
	11	Annimali bovini adulti 11.1 Annimali għar-razza pura ta' trobbija 11.2 Oħrajn
	12	Għoġġiela
01.21	2	**Ħalib tal-baqra nej**
01.21	3	*Sperma tal-barrin*
01.22		Ovini, Kaprini u ekwini
01.22	1	**Ovini, Kaprini u ekwini**
	12	Ovini
	13	Kaprini
	14	Ekwini 14.1 Żwiemel 14.11 Zwiemel tar-razza 14.12 Oħrajn 14.2 Ħmir, bgħula u bardotti
01.22	2	**Ħalib tan-nagħaġ jew tal-mogħoż nej**
	21	Halib tan-nagħaġ
	22	Ħalib tal-mogħoż
01.22	3	**Suf u pil**
	31	Suf żejtni (suf tal-ġiżż)
	32	Diversi tipi ta' pil u krin taż-żwiemel (krin, rimi, xagħar fin u goff)
01.23		*Porċini*
01.23	1	**Porċini**
	11	Annimali tar-razza pura
	12	Oħrajn 12.1 Oħrajn li jiżnu anqas minn 50 kg 12.2 Oħrajn li jiżnu 50 kg jew aktar
01.24		*Tjur u bajd*
01.24	1	**Tjur**
	11	Tiġieġ u sriedaq, papri, wiżż, dundjani u sriedaq talkina
	12	Oħrajn
01.24	2	**Bajd**
01.25		Annimali oħra
01.25	1	**Annimali oħra ħajjin**

▼B

01.25	2	**Prodotti Diversi ta' oriġini mill-annimali**
	21	Għasel naturali
	22	Żrinġijiet u bebbux (minbarra bebbux tal-baħar) (1)
	23	Prodotti ta' l-ikel ta' oriġini mill-annimali (1)
	24	Fosdqa tad-dudu tal-ħarir (1)
	25	Sekrezjoni annimali diversi (1)
01.25	3	**Ġlud u ġlud bil-pil** (1)
	31	Ġlud ta' annimali mrobbija jew maqbuda (minks, kasturi, *muskrats*, volpi eċċ.)
	32	Ġlud tal-fenek u tal-ħaruf
	33	Diversi ġlud oħra ta' l-annimali
01.4		*Attivitajiet tas-servizz agrikolu u tat-trobbija ta' l-annimali, minbarra attivitajiet veterinarji* (10) Xogħol agrikolu b'kuntratt biss, jiġifieri xogħol li s-soltu jsir minn intrapriżi agrikoli nfishom. Dan jinkludi ħrit, ħsad ta' ħaxix, dris, tnixxif tat-tabakk, ġiżż tan-nagħaġ, kura ta' l-annimali u t-tħawwil ta' mxietel ġodda minn kuntratturi jew mid-detenturi innifishom.
01.5		*Kaċċa, nsib u tkabbir ta' priża, inklużi attivitajiet tas-servizz relatati* (10)
02.01	41	*Ornamenti ta' oriġini veġetali* (1)
02.01	42	*Diversi materji primi veġetali (Materji primi ta' tip użati prinċipalment għall-immaljar)* 42.1 Bambù 42.2 Rattan 42.3 Oħrajn (qasab,ġummar, *osier,* raffja, *kapok*, xagħar tal-ħxejjex, qaraboċċ, eċċ.)

(1) Ara parti B

▼B

B. ***LISTA TA' PRODOTTI ESKLUŻI:***

Sabiex jiġi definit il-kamp ta' stħarriġ it-titli li ġejjin huma eskluži mill-lista *standard* tal-prodotti agrikoli ta' hawn fuq:

01.11	61	**Tiben u qxur taċ-ċereali, mhux preparati** [1]
01.13	5	**Inbid minn għeneb mkabbar fl-ażjenda** [2]
	51	Most
		52.1 Inbid ta' kwalità
		52.2 Inbid tal-mejda
		52.3 Oħrajn
01.13	6	**Żejt taż-żebbuġa minn żebbuġ mkabbar fl-ażjenda** [2]
	61	Żejt taż-żebbuġa, verġni
	62	Żejt taż-żebbuġa, mhux irfinut
01.25	2	**Diversi prodotti ta' oriġini mill-annimali**
	22	Żrinġijiet u bebbux (minbarra bebbux tal-baħar)
	23	Prodotti li jittieklu ta' oriġini mill-annimali
	24	Fsiedaq tad-dud tal-ħarir
	25	Sekrezjonijiet diversi mill-annimali
01.25	3	**Ġlud u ġlud bil-pil**
	31	Ġlud ta' annimali mrobbija jew maqbuda (minks, kasturi, *muskrats*, volpi, eċċ)
	32	Ġlud tal-fniek u tal-ħrief [3]
	33	Diversi ġlud oħra ta' annimali
01.4		**Attivitajiet tas-servizz agrikolu u tat-trobbija ta' l-annimali, minbarra attivitajiet veterinarji**
01.5		**Prodotti tal-kaċċa, ta' l-insib u tal-priża, inklużi attivitajiet tas-servizz relatat.**

Il-prodotti kollha miġbura fis-salvaġġ [4]

---

(1) Peress li l-prodott prinċipali hu nkluż.
(2) Peress li l-ewwel stadju ta' produzzjoni hu nkluż.
(3) Peress li l-prodott prinċipali hu nkluż.
(4) Peress li ġeneralment mhumiex miġbura/maħsuda mill-ażjenda, ma jikbrux fuq l-art agrikola tagħha u ma jistgħux jiġu statistikament mistħarrġa.

▼M1

ANNESS III

LISTA TA' EĊĊEZZJONIJIET AĊĊETTATI FIL-LISTA TA' DEFINIZZJONIJIET

(a)	**Belġju**
L/8	Informazzjoni dwar attivitajiet oħra ta' qligħ mhix miġbura għal żwieg il-pussessur li ma jaħdimx/taħdimx fl-impriża.
(b)	**Danimarka**
J/15	Sriedak mrobbija għal tiġieġ li jbidu mhumix inklużi taħt it-testatura "Tiġieġ li jbidu"
(ċ)	**Repubblika Federali tal-Ġermanja**
G/6	Siġar tal-Milied u Pjantaġġuni tal-luq barra l-boski huma inklużi taħt il-karatteristika "Ħsad ieħor permanenti" (G/6) u huma għalhekk inklużi fl-erja agrikulturali utilizzata.
J/14	Il-karatteristika "*broilers*" tinkludi sriedak mrobbija għal tiġieġ li jbidu, dawn mhumiex inklużi taħt il-karatteristika "Tiġieġ li jbidu" (J/15).
L/3	Membri oħra tal-familja tal-pussessur, li jagħmlu xogħol fir-razzett ta' l-impriża imma li ma jgħixux hemm huma ttrattati bħala "xogħol mhux tal-familja" (L/4 sa L/6).
(d)	**Spanja**
J/14	Il-karatteristika "*broilers*" tinkludi sriedak mrobbija għal tiġieġ li jbidu, dawn mhumiex inklużi taħt il-karatteristika "Tiġieġ li jbidu" (J/15).
N/2	Metodi ta' irrigazzjoni jinkludu wkoll metodi użati f'serer u ġonna tal-kċina.
(e)	**Franza**
J/14	Sriedak mrobbija għal-sop ta' *broilers* huma inklużi hawn.
(f)	**Irlanda**
J/9 (a)	Nagħaġ mneħħija mill-produzzjoni mhumiex inklużi.
(g)	**Italja**
J/16(b) ud (c)	Wiżż huma inklużi taħt J/16 (b).
(h)	**Olanda**
D/23, D/24, D/31, D/32, D/33	Il-karatteristiċi taħt dawn it-testaturi jinkludu anke ż-żerriegħa.
E	L-erja tal-karatterestika "ġonna tal-kċina" hija inkluża taħt is-sezzjoni "Art oħra" (H).
J/15	Sriedak mrobbija għal tiġieġ li jbidu mhumiex inklużi taħt it-testatura "Tiġieġ li jbidu".
L/3	Tfal tal-pussessur li jwettqu xogħol fir-razzett tal-impriża huma dejjem ittrattati bħala xogħol tal-familja. Madankollu, membri oħra tal-familja tal-pussessur li ma jgħixux fl-impriża imma jaħdmu hemm huma kkunsidrati "xogħol mhux tal-familja" (L/4 sa L/6).
(i)	**Portugall**
J/14	Sriedak imrobbija għal tiġieg li jbidu huma inklużi hawn.
(J)	**Awstrija**

▼M1

L/3	Membri oħra tal-familja tal-pussessur, li jwettqu xogħol tar-razzett fl-impriża imma li ma jgħixux hemm huma ttrattati bħala "xogħol mhux tal-familja" (L/4 sa L/6).
(k)	**Finlandja**
H/2	Art ta' bosk mhux produttiva u erji koperti minn arbuxxelli tal-foresta mhumiex inklużi.
(l)	**Svezja**
H/2	Art ta' bosk mhux produttiva u erji koperti minn arbuxxelli tal-foresta mhumiex inklużi.
(m)	**Renju Unit**
E	L-erja tal-karatteristika "ġonna tal-kċina" hija inkluża taħt is-sezzjoni "Art oħra" (H)."

▼M2

———————